# EUROPA TOURS




31 St Anne Street, Floriana • Tel: 2125 0526, 2124 3562

www.europatours.org



8 t'ijiem

# Albania

## & The Balkan Treasures

**01 – 08 t'April (Easter Holidays)**

**POGRADEC, OHRID, ST. NAUM OHRID CITY, MOSCOPOLE, KORÇË, ELBASAN, TIRANA LAKE KOMAN, SHKODËR, BELSH, BERAT, DURRËS U KRUJË**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, *Ikliet, Entraturi u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,100 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,100 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,310 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €910 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**

- Titjira mar-Ryanair
- 20kgs Check-In Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi : dħul fil-Knisja ta' Santa Sofija f'Ohrid, Mużew tal-Ikonografija Onufri f'Berat,
- Moskea tar-Re f'Berat. Biljetti tal-lanċa fil-Lag Koman u x-Xmara Shala
- 3 iljieli - Pogradec Hotel Enkelana 4 stars
- 4 iljieli -Tirana Starlight Hotel 4 stars
- Breakfast kuljum
- 2 ikliet u waħda Ikla Tradizzjonali
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour leader + Gwidi lokali matul l-eskursjonijiet
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Entraturi mhux imsemmija
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Erbgħa t' 01 April
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-13.00 għaċ-check in mal-FR6339 li ttir fit-15.20 u naslu Tirana ġewwa l'Albanija għall-ħabta tal-16.50. Transfer bil-kowċ lejn **Pogradec** li jinsab fuq ix-xatt tal-**Lag Ohrid** u huwa magħruf għall-pajsaġġi naturali sbieħ tiegħu. Mal-wasla tagħna fil-Hotel Enkelena 4 stars issir is-sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu.

### Il-Ħamis t' 02 April
Breakfast u eskursjoni lejn **Ohrid** fejn nagħmlu dawra bil-mixi fil-Belt il-Qadima, belt antika fuq il-Lag Ohrid magħrufa bħala "Jerusalem tal-Balkani" minħabba l-ġmiel u s-siti reliġjużi tagħha. Naraw il-Pjazza ta' San Klement bil-ħwienet u arkitettura tradizzjonali, l' Knisja ta' Santa Sofia, Tejatru Ellenistiku b'veduti spettakolari fuq il-lag, u House of Paper li turi l-istorja tal-kitba u l-papiri f'Ohrid. Ħin liberu għall-ikel u xiri ta' suvenirs. Nkomplu lejn l-Monasteru ta' San Naum, monasteru pittoresk b'arkitettura Bizantina u magħruf għall-mużika tal-kor. Nirritornaw lura l-Hotel.

### Il-Ġimgħa t'03 April
L-Eskursjoni tal-llum teħodna lejn **Moscopole** (Voskopoja), belt li kienet ċentru kulturali u reliġjuż fil-qedem, magħrufa għall-knisja barokki u djar tradizzjonali Albanizi. Nkomplu lejn Korca, belt storika magħrufa bħala "l-Belt tal-Arti u l-Kultura" fejn inżuru s-suċċess tradizzjonali 'Pazari i ri', il-Katidral Ortodossu u l-Ewwel Skola Albaniza 'Mesonjetorja e pare', li jxandar il-passat edukattiv tal-pajjiż. Ċena tradizzjonali b'platti lokali (mħallsa).

### Is-Sibt t'04 April
Breakfast u nibdew vjaġġ lejn **Tirana** iżda qabel jkollna waqfa qasira f'**Elbasan** biex naraw il-Kastell tal-qedem b'ħitan imponenti b'arkitettura eċċezzjonali. Mal-wasla tagħna f'Starlight Hotel 4star sistemazzjoni tal-kmamar. Wara jkollna walking tour fejn naraw l' Pjazza Skanderbeg, il-Piramida futuristika, siti reliġjużi bħall-Knisja e Katolika u il-Moskea Et'hem Bey u l-Kastell b'veduti majestużi.



### Il-Ħadd 05 April
*l-Għid it-Tajjeb*

Eskursjoni ta' ġurnata lejn **Koman** fejn jkollna boat trip (mħallsa) fuq il-Lag Koman, fejn il-pajsaġġi naturali jħalltu mal-Alpi Albaniżi, wieħed mill-aktar postijiet pittoreski fil-Balkani. Ħin liberu għall-ikel waqt li ngawdu veduta sabiħa tal-lag . Nkomplu lejn **Shkoder**, belt storika fuq ix-xatt tal-Lag Shkoder, fejn inżuru l-Belt il-Qadima u l-'Ura e Mesit', pont Ottoman antik b'arkitettura sabiħa. Ċena f'Shkoder (mħallsa) u nirritornaw lura l-Hotel.

### It-Tnejn t'06 April
Breakfast u ġurnata oħra mill-isbaħ lejn **Berat**, izda qabel jkollna waqfa photo stop f'Belsh. Nkomplu lejn Berat fejn nzuru l-kwartieri storici ta' **Mangalem** u **Gorica**, l-kastell u Onufri Iconography Museum. Wara noffrulkom optional wine tasting / ikla tradizzjonali. Nirritornaw lura l-Hotel.

### It-Tlieta 07 April
Il-ħarġa tal-llum teħodna lejn **Durres**, belt storika fuq il-kosta Adrijatika, fejn iżuru l-Pjazza prinċipali, l-Amfiteatru Rumani u t-Torri Venezjan. Nkomplu lejn **Kruje**, belt antika. Ħin liberu għal xiri ta' suvenirs tradizzjonali mill-Bazaar. Ċena fil- Hotel.

### L-Erbgħa 08 April
Breakfast u transfer lejn l-ajruport ta' Tirana għat-titjira FR6340 li ttir fis-13.15 u naslu lura Malta fit-14.55.



**6 t'ijiem**

# The Heart of Abruzzo

**Grupp A: 25 – 30 ta' Mejju**
**Grupp B: 07 – 12 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €860 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €870 |
| Kamra ta' persuna waħda | €995 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |
| Suppliment Grupp B | €30 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**

- Titjira mal- KM Malta Air għar-Ruma
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 5 iljieli – f'Pescara, Hotel Esplande 4 Stars - fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast kuljum.
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour-leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Entraturi mhux imsemmija
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

**PESCARA , LANCIANO, CHIETI, AQUILA, GIULANOVA, GRAN SASSO, AVEZZANO U SULMONA**

## It-Tnejn

Nilaqgħu l'ajruport fil-05.00 sabiex issir check-in għall-flight KM612 li ttir fis-07:00 u naslu Ruma fit-08.30. Mal-wasla tagħna nibdew il-vjaġġ lejn ir-reġjun ta' **Abruzzo** pero' l-ewwel waqfa tkun ġewwa **Avezzano.** Ċentru ewlieni u belt kummerċjali, agrikola fiż-żona ta' Marsica. Belt moderna għax kienet intlaqtet min terrimot kbir fl'1915. Flimkien niskopru s-sbuħija tal-Castello Orsini-Colonna , Piazza Torlonia, Via Roma, Piazza Risorġimento, Duomo San Bartolomeo. Hin Liberu u wara nkomplu Pescara u check in fil-**Hotel Esplanade 4 stars.** Sistemazzjoni tal-kmamar: Ħarġa mal-Leader.

## It-Tlieta

**Breakfast u** flimkien mal-leader inzuru ċ-ċentru fejn naraw fil-belt Corso Umberto, Lungomare, Ponte Del mare u Piazza Primo Maggio. Ħin liberu. Wara nofsinhar jkollna transfer lejn **Sulmona** waħda mill-isbaħ bliet tal-Imħabba fl-Abruzzo mdawra b'muntanji sbieħ. Iżuru Porta Napoli, Corso Ovidio, Piazza Garibaldi, Piazza eleganti ta' XX Settembre u l-istatwa tal-poeta Ovid, Villa Comunale u l-Katidral San Panfilo. Ħin liberu. Nirritornaw lura l-ħotel u ħarġa f'lungomare Aldo Moro.



## L-Erbgħa

**Breakfast u eskursjoni għal Grotte di Stiffe s'San Demetrio ne'Vestini** (dħul extra). Nżuru l-għerien u nammiraw l-formazzjoni tal-għadajjar żgħar,blat u kaskati. Wara mmorru Centro Commerciale Globo fejn ukollna ħin ghax-shopping u l-ikel. Wara nkomplu lejn il-belt ta' Aquila bl-attrazzjonijiet kollha tagħha Villa Comunale (Viale Crispi) fejn naraw monument sabiħ Dei Caduti, Corso Federico II, Piazza eleganti del Duomo, Fontana Luminosa u Forte Spagnolo ħin liberu u nirritornaw lura f'Pescara.

## Il-Ħamis

Breakfast u eskursjoni lejn **Lanciano**, belt magħrufa għall-Miraklu Ewkaristiku. Dawra mal-belt fejn inżuru Piazza del Plebiscito, l-Katidral ta' Santa Maria Del Ponte, Santwarju ta' San Franġisk, Teatro Comunale, Corso Trento e Trieste u Villa Delle Rose. Ħin liberu u wara nkomplu l-vjaġġ lejn **Chieti**. Belt f'ambjent sabiħ ta' għoljiet taħt il-muntanja Maiella. Nibdew miċ-ċentru storiku li huwa mżejjen b'toroq, pjazez u palazzi. Mal-leader niskopru Largo Cavallerizza min fejn naraw veduta panoramika sabiħa, Palazzo di Giustizia, il-katidral Gotiku ta' San Giustino bil-kampnar tas-seklu 16. Ħin liberu għax-shopping mil-ħwienet ta' Corso Maruccino. Nirritornaw lura l-hotel.

## Il- Ġimgħa

Eskursjoni lejn l'għola quċċata ta' l-Appennini **Il-Gran Sasso**. Vjaġġ ta' ġurnata qalb xeni sbieħ ta' muntanji u widien mimlija siġar u ħdura fejn inħaddmu films internazzjonali f'dawn iż-żoni. Meta naslu Fonte Cerreto naqbdu **l-Funivia** (extra) biex naraw xeni sbieħ min fuq il-Belvedere Osservatorio Astronomico. Ħin liberu u wara nkomplu bil-kowċ lejn **Satwarju San Gabriel f'Teramo** fost l-aktar popolari fid-dinja fejn madwar żewġ miljun pellegrin jaslu kull sena biex jitolbu fuq il-qabar taż-żagħżugħ Qaddis tat-tbissima San Gabriel. Naraw il-Bażilika, il-Kappella antika u l-qabar. Ħin għal Kafe' u nirritornaw lura Pescara fost xeni muntanjużi. Fl-għaxija ħarġa mal-leader.

## Is-Sibt

Breakfast u ħin liberu biex inkomplu ngawdu l-aħħar ħin fil- belt ta' **Pescara** li hi waħda mill isbaħ rizort fuq l-Adrijatiku. Tluq lejn Tivoli fejn naraw Villa D'Este (dħul extra) tas-seklu 16 bil-famuż ġnien b'ħafna funtani. Wara nkomplu lejn **Fiumicino** biex naqbdu t-titjira lura lejn Malta mal-KM615 li titlaq fid-21:00 u naslu Malta fl-10:30.





5 t'ijiem

# Lourdes
## & The French Pyrenees

**Grupp A: 11 – 15 t'April**
**Grupp B: 16 – 20 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 13 – 17 ta' Ġunju**
**Grupp D: 11 – 15 ta' Lulju**
**Grupp E: 05 – 09 ta' Settembru**
**Grupp F: 17 – 21 t'Ottubru**

**LOURDES, GAVARNIE, PONT D'ESPAGNE, TOULOUSE, BETHERRAM CAVES**

**Is-Sibt**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fin-12.30 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR9464 li titlaq fit-14.45 u naslu Lourdes fil-17.15. Transfer bil-kowċ lejn il-Hotel. Sistemazzjoni tal-kmamar u ċena. Wara nieħdu sehem fil-purċissjoni Aux Flambeaux li tibda mill-Grotta sal- Bazilika tar-Ruzarju. Nimxu wara l-istatwa tal-Madonna bix-xemgħa mixgħula waqt li jingħad ir-ruzarju.

**Il-Ħadd**
Breakfast u city walking tour ma' **Lourdes** biex inżuru postijiet ta' nteress konnessi ma' Santa Bernardette, fosthom il 'Moulin de Boly' il-post fejn twieldet u għexet Bernardetta sa 10 snin, il-Cachot, u l-knisja Parrokkjali li hija ddedikata lill-Qalb ta' Ġesu'. Lunch fil-Hotel u wara se jkollna eskursjoni għal l-Għerien Betharram, magħrufa wkoll bħala Grottes de Bétharram, huma meravilja naturali affaxxinanti li tinsab fil-Pirinej, li jgħaddu mill-fruntiera Franċiża Spanjola. Huma magħrufa għall-formazzjonijiet spettakolari tal-blat tagħhom, xmajjar taħt l-art, u gallerijif'diversi livelli, li jagħmluhom waħda mill-aktar sistemi ta 'grotta impressjonanti fl' Ewropa.(Entratura extra). Ċena fil-hotel.

**It-Tnejn**
Breakfast u ħin għal quddies u wara nofrulkom eskursjoni għal **Gavarnie**, li qiegħed fir-reġjun Hautes Pyrénées fejn hawn ser ingawdu xenarju meraviljuz. Matul din l'eskursjoni nitpaxxew b'ħafna veduti meraviljuzi, raħal tipiku qalb il-muntanji – 1357 metru 'l fuq mill-baħar. Ikollna waqfa fuq Pont du Napolean fejn ngawdu veduti mill-aqwa. Ċena fil-hotel.

**It-Tlieta**
Breakfast. Quddies u wara nżuru l-**Grotta ta' Massabielle**, fejn dehret il-Madonna lil Santa Bernardette u nagħmlu l-Via Sagra . Pranzu fil-hotel u wara jkollna eskursjoni għal **Pont d'Espagne**, wieħed mill-aktar postijiet pittoreski fil-Pirenej Franċiżi li jinsab f'nofs natura spettakolari, imdawwar b'**foresti ħodor, xmajjar ċari u waterfalls sbieħ.**



**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half/Full Board u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €845 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €845 |
| Kamra ta' persuna waħda | €980 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-Malta Air għal Lourdes
- 20 Kg Checked In Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 iljieli Hotel Saint Sauver viċin il-Bazilika
- Buffet Breakfast kuljum
- Ikel skond il-programm (5 ikliet ta' filgħaxija + 2 ikliet ta' nofs in-nhar)
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.



**L-Erbgħa**
Breakfast u check out tal-kmamar. Wara se jkollna ġurnata oħra mill-isbaħ għall-belt ta' **Toulouse** li hi r raba' l-akbar belt ġewwa Franza. Jkollna city tour biex naraw iċ-ċentru storiku u niskopru l-monumenti u l-postijiet ewlenin tagħha, tour iggwidat li jagħtik ħarsa ġenerali tajba fuq il 'Pink City' u l-istorja tagħha. Nżuru il-baċieri tad-Daurade fuq ix-xtut tal-Garonne, il-Pont Saint Pierre b'veduta mill-isbaħ tal-Koppla tal-isptar La Grave u l-ftuħ fuq il-kanal ta' Breenne, il-kunvent tal-Ġakobini mibni fis-seklu XIII. Wara jkollna ħin liberu għal ikel u biex idduru toroq u ħwienet sbieħ ta'din il- belt. Nkomplu lejn l-ajruport ta' Lourdes għat titjira lejn Malta ma FR9245 li ttir fil-22.45 u naslu Malta fis-01.10.



8 t'ijiem

# France,Germany,Switzerland

## Incl: The Black Forest & Europa Theme Park

**01 – 08 t'April (Easter Holidays)**

**MULHOUSE, STRASBOURG, COLMAR, EUROPA THEME PARK, MANNLICHEN MOUNTAIN, LUCERNE, BLACK FOREST, TRIBERG FALLS, RIQUEWIHR, TITISEE U RHINE FALLS**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1035 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1040 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1220 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €820 |
| Half Board Suppliment adulti | €150 |
| Kids meal | €80 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Zurich
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 7 iljieli - Hotel Bristol 3+star fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

### L-Erbgħa 01 t'April
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta f' 12.20 għat-titjira KM 490 li ttir fis-14.20. Naslu Zurich fil-16.45. Transfer lejn Mulhouse ġewwa Franza li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji Vosges u x-xmara Rhine. Din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' 112,000 persuna. Mal-wasla tagħna ġewwa Mulhouse. Nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Bristol 3 star+** li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Sistemazzjoni tal-kmamar, ċena fil-hotel għal dawk li ħadu s-suppliment tal-Half Board.

### Il-Ħamis 02 t'April
Wara l breakfast, nitilqu għall-eskursjoni mill-isbaħ fil-qalba tal-Bernese Oberland ġewwa l-Iżvizerra fejn flimkien se nżuru **Interlaken.** Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Lauterbrunnen fejn fost xenarju mill-aqwa sakemm naslu Grindelwald biex naqbdu l-cable car (extra) u nitilgħu fuq il-muntanja **Männlichen** mnejn ingawdu xenarju mill-aqwa tal-muntanji u l-villaġġi tal-madwar. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa Interlaken fejn nagħmlu dawra mal-leader u mill-Höhematte naraw il-panorama sabiħa tal-muntanji Jungfrau Monch u Eiger. Nirritornaw lura l-lukanda.

### Il-Ġimgħa 03 t'April
Illum eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Strasbourg** u **Riquewihr** ġewwa Franza. L-ewwel waqfa tkun Strasbourg, flimkien naraw Petite France, l-Old Quarters, Palais du Europe, European Parliament, L'Orangerie u l-famuż Katidral Notre Dame ta' Strasbourg, ħin liberu għax-xiri ta'souvenirs. Wara nofsinnhar nitilqu lejn il-villaġġ medjevali tant ħelu ta' Riquewihr. Villaġġ b'arkitettura priservata ferm tajjeb u fejn iż-żmien donnu waqaf. Niskopru flimkien dan il-villaġġ żgħir b' ħafna ħwienet żgħar u ħelwin fosthom il-ħanut tal-Milied li jkun miftuħ is-sena kollha.

### Is-Sibt 04 t'April
Il-ħarġa tal-lum teħodna fil-belt sabiħa ta' **Lucerne** ġewwa l-**Iżvizzera,** il-belt kapitali tal-Cantoon li jġib l-istess isem. Fost oħrajn naraw il-famuż Wooden Bridge li hu landmark tal-belt u l-knisja tal- Ġiżwiti mibnija fuq stil barokk. Inkomplu lejn l-**Old Town** bit-toroq pittoreski tagħha, naraw it-Town Hall, Lion Monument – monument f'ġieħ il-gwardji Żvizzeri li nqatlu waqt ir-Revoluzzjoni Franċiża. Wara l-mawra tal-belt ikollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Min irid jista' jagħżel li jmur cruise (extra) mal-Lag ta' Lucerne.

### Il-Ħadd 05 t'April
*l-Għid it-Tajjeb*

Ġurnata ta' divertiment kemm għaż-żgħar u kemm għall-kbar ġewwa l-**Europa Theme Park** (biljett tad-dħul mhux inkluż). Hawn insibu dak kollu li wieħed jixtieq jara f'dinja tal-ħolm u t'avventuri bħal roller coasters, canoeing, shooting alleys, ghost trains u ħafna aktar attrazzjonijiet li żgur iġelgħuk tqatta' ġurnata li ma tinsa' qatt. Bil-biljett tista' tagħmel użu kemm trid mir-rides u shows li jkun hemm. Nirritornaw lura l-hotel.

### It-Tnejn 06 t'April
Inżuru l-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid reġjonali t'**Alsace**. Nagħmlu dawra bil-ferrovija turistika (extra) u napprezzaw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi, kif ukoll 'l hekk imsejħa Little Venice – kwartieri mimlija kanali li propju jfakkruna fil-belt ta' Venezja. Naraw ukoll id-dar ta' Bartholdi – skultur li ddisinja l-istatwa tal-Liberta' fi New York. Mhux ta' b'xejn ħafna jirreferu għall-Colmar bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar tal-Ewropa. Nirritornaw lura l-lukanda. Wara nofsinnhar ikollna ħin liberu fejn tistgħu żżuru Il-'**Musée National de l'Automobile'**, **iż-Zoo** jew shopping mill- pedestrian area ħdejn il-hotel.



### It-Tlieta 07 t'April
Skopri magħna l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa l-Ġermanja. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **St. Peter's** fejn nieqfu għal sightseeing. Wara nibqgħu sejrin lejn **Triberg** li hu riżort muntanjuż magħruf għal **Cuckoo Clocks u l-Music Boxes**, kollu xogħol tal-idejn minn nies tal-lokal. Wara ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Titisee**, post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu mdawwar bil-lag. X'hemm isbaħ minn passiġġata madwar il-lag jew xi biċċa Black Forest Cake tajba. Nirritornaw lura l-hotel.

### L-Erbgħa 08 t'April
Nitilqu bil-kowċ lejn **Neuhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls** – fost l-aktar kaskati spettakolari fl- Ewropa. Nieqfu biex ingawdu u nitpaxxew bil-ġmiel tan-natura. Ikollna ċans nieklu (extra) xi ħaġa jew nagħmlu xi passiġġata qasira ħdejn dawn il-kaskati meraviljużi. Nitilqu lejn l-ajruport ta' **Zurich** b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu check in għat-titjira KM491, tluq fis-17.40 u naslu lura Malta fit-19.55.



8 t'ijiem

# Turkey Dreamscape
# Istanbul & Cappadocia

**Grupp A: 02 – 09 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 14 – 21 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 04 – 11 ta' Ġunju**
**Grupp D: 12 – 19 ta' Settembru**
**Grupp E: 16 – 23 t'Ottubru**

**ISTANBUL, BOSPHORUS, BURSA, CAPPADOCIA, UCHISAR CASTLE, PIGEON VALLEY.....**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board, Entraturi u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1400 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1400 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1625 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1280 |
| Suppliment Grupp Ċ & D | €50 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mat-Turkish Airlines
- 20 Kgs Checked In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u Eskursjonijiet skont il-programm
- Gwidi tal-lokal English Speaking fl-eskursjonijiet
- Entraturi + Bosphorus Boat Cruise
- 4 iljieli – Hotel Gonen Taxim 4 star
- 3 iljieli - Altinoz Hotel - 4star
- Buffet Breakfast
- 3 ikliet f'nofs in-nhar
- 3 ikliet filgħaxija
- Taxxi
- Tour Leader
- Insolvency

**Prezz ma jinkludiex:**
*Hot Air Balloon
*Ġurnata Bursa
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fit-08.00 għall-flight TK1370 li ttir fl'10.25 u naslu **Istanbul** fis-14.00 Transfer bil-kowċ lejn il-**Hotel Gonen Taxim 4 Star** ti tinsab fid distrett l-aktar popolari 'Beyaglu' viċin Taxim Square. Sistemazzjoni tal -kmamar. Wara ħarġa ma' leader.

### It-Tieni Jum
Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti , nibdew bid-**Dolimabahce Palace**, bla dubju ma tistax iżżur istanbul mingħajr mam tara il- ġmiel ta'dan il-Palazz, naraw ulол **Underground Cistern.** Wara jkollna **Bosphorus Cruise** (imħallas) fejn naraw iż-żewġ kontinenti li huma dak ta' l-Ewropa u tal-Asja. Naraw ukoll il-Baħar Marmara li jingħaqad mal-baħar l-iswed.

### It-Tielet Jum
Buffet Breakfast u noffrulkom Istanbul Historical **City Tour,** eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn flimkien mal-gwida ta' lokal inżuru l-parti l-qadima t'Istanbul fejn naraw **Hagia Sofia** li nbniet fis-seklu 16 mill-arkittet Mehmet u hu magħrufa bħala l-**Blue Mosque** mħabba ddekorazzjoni ta' tajls blu li għandha, naraw il-Hippodrome u tlett monumenti li huma Obelisk of Theodosius, The Bronz Serpentine Column u Column of Constantine. **Lunch** (Inkluż) Wara nieqfu ħdejn it- **Topkapi Palace** (photo stop), il-palazz il-kbir tas-Slaten Ottomani tal-15 u 19 il-seklu. Hawn ser naraw kollezzjoni ta' kristall, fidda, chinese porcelain, Jewels of the Imperial Treasury, The Holy Mantle u Relikwi tal-profeta Mohammed. L-aħħar żjara tagħna tkun ġewwa l-i**Spice Market**. Nirritornaw lura lejn il-hotel.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast u ġunata libera għax-shopping izda min irid jista' jingħaqad magħna għall-excursion (optional) għall-belt romantika ta' **Bursa**, flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-aktar postijiet interessanti u wara jkollna **Lunch** (imħallas). Inkomplu biex naqbdu il-cable car (imħallas) għal fuq il- muntanja **'Uludag Skii Centre'** ħin liberu biex ngawdu l-veduta. Nirritornaw lura Istanbul.

### Il-Ħames Jum
Wara l-breakfast transfer bil-kowċ lejn l'ajruport sabiex immorru **Cappadocia**. Naqbdu titjira TK2004 li ttir fil 11:25 u twassalna **Nevsahir** airport fis-12.45. Dawra panoramika u wara transfer lejn iċ-ċentru ta' Nevsahir u check-in fl' **Altinoz Hotel - 4star**. Ċena fil-hotel.

### Is-Sitt Jum
**Optional –** Filgħodu kmieni eskursjoni straordinarja għall-attività ewlenija tagħna li se tkun titjira bil- Hot Air Balloon, esperjenza li tippermettilna naraw l-panorami maġestiċi tal-vallijiet, il-formazzjonijiet tal-għoljiet mill-għoli. Dan se jkun mument perfett għal ritratti memorabbli hekk kif il-ballun jiżfen bil-mod fis-sema filgħodu kmieni, meta d-dawl tax-xemx jagħti kulur sabiħ mal-art. Wara l'breakfast ġurnata oħra sabiħa li se teħodna **Goreme Open Air Museum** il-post l-aktar magħruf, b'ħafna knejjes mnaqqxin f'ġebel li jistgħu jiġu esplorati u Caves Churched Panoramic . Jkollna **lunch** f'Turkish restorant u wara nkomplu lejn **Uchisar Castle** dan mhux kastell tradizzjonali, iżda **blat enormi mnaqqax b'ħafna tunnels u knejjes.** Nirritornaw il- hotel. Ċena u ħin liberu

### Is-Seba' Jum
Wara l-Breakfast eskursjoni oħra nteressanti li twassalnan **Derinkuyu Undergroupnd City Museum,** wieħed mill-aktar postijiet straordinarji f'Cappadocia. **Derinkuyu** hija belt sotterranja, post ideali għal dawk li jħobbu l-avventura u l-istorja tal-passat. **Lunch** f'Turkish restaurant u nkomplu biex immorru **Pigeon Valley** post pittoresk immens fejn hawn naraw xenarju mill isbaħ. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

### It-Tmien Jum
Breakfast Ftit ħin liberu u wartluq lejn l-ajruport ta' Nevsahir biex intiri lura lejn Malta mat Turkish Airlines via Istanbul. Naslu Malta bit TK1371 fis 18.25.





**5 t'ijiem**

## The Best of
# Puglia & Basilicata

**Grupp A: 5 - 9 ta' Marzu**
**Grupp B: 3 - 7 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp Ċ: 01 - 05 ta' Mejju**
**Grupp D: 12 - 16 ta' Ġunju**
**Grupp E: 21 - 25t'Awissu**
**Grupp F: 28 t'Awwissu - 01 ta' Settembru**
**Grupp Ġ: 16 - 20 t'Ottubru**

**ANDRIA, OSTUNI, ALBEROBELLO, VALLE ALTA MURGIA, MATERA, GARGANO, SAN GIOVANNI ROTONDO, POLIGNANO AL MARE U BARI**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi Mħallsa)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €825 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €830 |
| Kamra ta' persuna waħda | €880 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |
| Suppliment Gruppi B, D, E & F | €30 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira bir-Ryan Air: Malta-Bari-Malta,
- 20kg baggage allowance u reserved seat.
- 4 lljieli- Hotel Crystal Palace 4 star fiċ-ċentru ta'Andria
- Buffet continental breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

**L- Ewwel Jum:**
Fit-08:30 niltaqgħu mat-tour leader fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għat-titjira RyanairFR7108 li ttir fl-10:35 u naslu Bari f' 11:55. Transfer bil-kowċ lejn **Andria** belt storika fil-qalba ta' Puglia, mal-wasla tagħna sistemazzjoni tal-kmamar u wara ħarġa mal-leader biex inzuru ċentru storiku sabiħ b'toroq dojoq mimlija ħwienet u kafetteriji tipiċi. Ċena fil-hotel.

**It-Tieni Jum:**
Breakfast u tluq lejn **Ostuni** meqjusa "La piu' bella Citta' Bianca". Mal-leader inżuru siti turistiċi bħal Piazza Oronzo, centro citta', Duomo u l-Belveder. Ħin liberu u nkomplu lejn **Locorotondo.** Waqfa b'esperjenza sabiħa lejn iċ-ċentru riservat tajjeb mibni madwar sqaqien dojoq u djar zgħar rettangolari b'soqfa bil-ponta mimlija fjuri. Wara nkomplu naqsmu **Valle d'Istria** ambjent mimli b'vinji u msaġar taż-żebbuġ sakemm naslu **Alberobello** rinomat Unesco World Heritage. Mal-leader niskopru **"IT-TRULLI"**(Rione Monti) mibnija b'dawn id-djar bil-ġebel u koppli żgħar. Ikollna ħin għax-xiri tas-souveniers. Ċena fil-hotel.

**It-Tielet Jum:**
Breakfast u llum noffrulkom eskursjoni lejn **Altamura.** Mixja fiċ-ċentru storiku tal-belt fejn ngħaddu minn Porta Bari, il-Katedral sabiħ , it-Torri Gotiku tal-arloġġ u nduqu l-famuża ħobża ta'Altamura. Naqsmu **Valle Alta Murgia** bil-kowċ u nidħlu fir-Reġjun ta' **Basilicata** sabiex inżuru belt oħra sabiħa ta' **Matera,** hawn inżuru ċ-ċentru storiku u ż-żona tas-Sassi li huwa kumpless ta' għerien mnaqqxa fil-blat. Fis-Sassi nżuru il-mużew Casa Grotta (extra) Ċena fil-hotel

**Ir-Raba Jum:**
Breakfast: Illum ġurnata speċjali, ambentali, spiritwali ġewwa l-**Gargano**. Nibdew il-vjaġġ tagħna fejn niskopru **"Le Saline di Margherita Di Savoia"** fuq medda twila ta' madwar 20 km. Inkomplu madwar veduti sbieħ tal-Gargano SP55 fejn ser ingawdu veduti muntanjużi u tal-Kosta Manfredonia lejn **Monte Sant'Angelo** fejn tinsab il-Grotta/Santwarju fl-għar enormi ta' San Mikiel. Ħin liberu u aktar tard inkomplu l-vjaġġ fost xenarju tal-Parco di Gargano biex inżuru t-territorju ta' **San Giovanni Rotondo**. Ma' eluf ta' Pellegrini, it-tour leader jurina l-high-lights relatati ma' Padre Pio, St Maria delle Grazie, Is-Santwarju di San Pio u ħin liberu għax-xiri ta' relikwi u talb personali ħdejn il-qabar tal-qaddis. Ċena fil-hotel

**Il-Ħames Jum:**
Breakfast u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Polignano a Mare** fejn nagħmluni mixja fiċ-**ċentru storiku** mdawwar toroq dojoq u djar bojod tipici, nieqfu nħarsu lejn il-veduti spettakolari ta' **Lama Monachile**, Ngħaddu minn **Arco Marchesale**, il-bieb storiku tal-belt, ma jonqosx li naraw l-istatwa ta' **Domenico Modugno**, simbolu tal-belt. Nkomplu lejn Bari fejn fiċ-ċentru storiku magħruf bħala **Bari Vecchia**, nistgħu naraw l-**Basilika ta' San Nikola**, waħda mill-aktar knejjes importanti tar-reġjun, kif ukoll il-**Katidral ta' San Sabino** bl-arkitettura tiegħu Romaneska. Tul il-mixja naraw ukoll il-**Castello Svevo**, kastell medjevali mponenti, u ngħaddu mi-**Strada delle Orecchiette**, fejn in-nisa tal-lokal jagħmlu l-pasta tradizzjonali quddiem id-djar tagħhom. Il-qalba ta' Bari Vecchia hija mimlija toroq dojoq u pittoreski li jwassluna lejn **Piazza Mercantile** u **Piazza del Ferrarese**, żoni ħajjin b'ħwienet u ristoranti, u nistgħu nkomplu mixja rilassanti tul il-**lungomare**, li joffri veduti sbieħ tal-baħar u l-belt u wara tluq lejn l-ajruport ta' Bari għat-Titjira FR7107 li ttir f'23:50 u naslu Malta fis 01:10

**Grupp A:** L-ewwel jum niltaqgħu l-ajruport f'12.00 għal flight FR7108 li ttit fis-14.30 u naslu Bari fl'15.50. L-aħħar ġurnata titjira lura hi ma FR7107 li ttir fid-21.10 u naslu lura Malta fl'22.30.





6 t'ijiem

# Fatima
## & Portugal's Hidden Gems

**Grupp A: 09 – 14 ta' Marzu**
**Grupp B: 14 – 19 t'April**
**Grupp Ċ: 19 - 24 ta' Mejju**
**Grupp D: 23 – 28 ta' Ġunju**
**Grupp E: 01 – 06 ta' Settembru**
**Grupp F: 13 – 18 t'Ottubru**

**OBIDOS, FATIMA, VALINOS, AJUSTREL, PORTO, TOMAR, MIRA DE AIRE CAVES, NAZARE' U LISBONA**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €875 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €880 |
| Kamra ta' persuna waħda | €970 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |
| Suppliment Gruppi B, Ċ, D & E | €70 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mar-Ryanair għal Lisbona
- 20kgs Checked in Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats mhux inklużi)
- 5 iljieli - Hotel Santa Maria 4 star
- Buffet Breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-07:15 għat-titjira FR9654 li ttir fid-09:25 u naslu Lisbon f'11:55 (ħin lokali). Transfer bil-kowċ lejn **Óbidos**, raħal medjevli, fejn inżuru ċ-ċentru storiku: **Porta da Vila, Rua Direita, il-Knisja ta' Santa Maria** u l-kastell u l-ħwienet tal-arteġjanat lokali. Nkomplu lejn Fatima, fejn ikollna akkomodazzjoni fil-**Hotel Santa Maria 4-star,** ftit passi mis-Santwarju. Sistemazzjoni u ċena. Filgħaxija, ħin biex ninżlu mal-leader għall-ewwel żjara fil-Pjazza u s-Santwarju.

### It-Tieni Jum
Breakfast u nibdew il-jum ġdid billi naqbdu t-tourist train (extra) u mmorru **Valinos** u Ajustrel biex nimmeditaw flimkien il-Via Crucis. Inkomplu biex nidħlu fid-djar ta' Lucia, Francesco u Jacinta. Nkomplu lejn il-Knisja Parrokkjali tat-tlett Rgħajja u wara nżuru ċ-ċentru kummerċjali ta' Fatima fejn ikollna ħin liberu għal xi shopping ta' souveniers. Nkomplu lejn Fatima fejn izuru Cova De Iria, Kappella tad-Deħriet, il-Bażilika tar-Rużarju fejn naraw l-oqbra tat-tfal u s-Salib il-kbir. Ċena u wara ħarġa mal-leader biex nassistu r-Rużarju internazzjonali.





### It-Tielet Jum
Wara l'breakfast nitilqu lejn il-bajja ta' **Nazare**": fejn nagħmlu waqfa f'din is-sbuħija naturali bi tradizzjoni antika konnessa mas-sajd. Ħawnhekk ingawdu veduti sbieħ panoramiċi min fuq il- Belveder Miraduoro Do Suberco tal-Baħar miftuħ Atlantiku. Nagħmlu wkoll mixja ma' l'Avenida Repubblika u ħin liberu għall-ikel jew shopping fiċ-ċentru storiku. Ċena u ħarġa.

### Ir-Raba' Jum
Illum vjaġġ lejn Portugal ta' fuq: **Porto**. Kif naslu nibqgħu sejrin biex ninżlu lejn Cais De Ribeira min fejn naqbdu 6 Bridges River cruise tour (extra). Wara naqbdu " Cable Railway Dos Guindais" (extra) min fejn ingawdu xeni sbieħ tax-xmara Douro u naslu fiż-żona ta' Batalha. Inkomplu bil-mixi biex niskopru l-Katedral, Stazzjon San Bento, Pjazza Liberta', il-kampnar/Torri ta' Clerigos u Piazza Lisboa. Nirritoranw lura, ħin liberu u ċena. Wara ħin biex ninżlu sal-pjazza u s-Santwarju tad- Deħriet biex nakkumpanjaw ir-Rużarju Internazzjonali mal-leader

### Il-Ħames Jum
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn **Tomar**. Mal-wasla tagħna ġewwa Tomar inżuru Templars Monastry (entratura extra) u wara dawra bil-mixi mal-belt u x-xmara Nabao, it-Triq Serpa Pinto, il- katedral u Pjazza Repubblika. Ħin liberu u wara nkomplu lejn L-**Caves Ta' Mira D'Aire**. Ħin liberu biex inżuru dawn l-għerien spettakolari (entratura extra), meravilji naturali taħt l-art. Ċena fil-hotel. Filgħaxija nattendu ma' ħafna pellegrini l-funżjoni fil-Pjazza Cova d'Iria. Insellmu għall-aħħar darba lill-Madonna fil-purċissjoni Aux Flambeaux.

### Is-Sitt Jum
Breakfast u nħallu Fatima biex nibdew il-vjaġġ lejn Lisbona l-belt kapitali tal-Portugal, fejn ikollna eskursjoni ta'ġurnata mill-iżjed interessanti. Kif naslu mmorru dritt lejn iċ-Centru ta' Alfama hawn naraw il-knisja fejn twieled Sant'Antnin. Inkomplu niskopru l'isbaħ Avenues, pjazez u monumenti ta' Lisbona. Wara mal-leader naraw l-Pjazza Kummerċjali, it-Triq Augusta, Pjazza Don Pedro u Restauradores. Ħin liberu għall-ikel. Wara bil-kowċ inkomplu lejn Belem żona moderna u sabiħa fuq ix-xmara Tagus. Inżuru Torri Belem, il-Pont Vasco De Gama, u l-monument ta' Padros Dos Descobrimentos. Nagħmlu mixja max- xmara Tagus fejn napprezzaw il-bidu ta' l'Oċean Atlantiku. Wara transfer lejn l'Ajruport għat-titjira FR9655 li ttir fit-20.15 u naslu lura Malta f'00.20

**Nota għall-grupp A**: L-ewwel jum niltaqgħu l-ajruport fil-12.15 għat-titjira li ttir fis-14.15 u twassalna Lisbona fl'16.25. Mal-wasla transfer lejn il-hotel. L-aħħar Jum it-titjira titlaq fit-15.35 u naslu lura Malta fit-19.45.



# Grand Holland & The Tulip Festival
## With a touch of Belgium

**6 t'ijiem**

**Grupp A: 01 – 06 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 06 – 11 ta' Mejju**

**ROTTERDAM, AMSTERDAM, KINDERDIJK, MARKEN, VOLENDAM, EFTELLING THEME PARK U ANTWERP**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | €1195 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1620 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1140 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Amsterdam
- 20kgs Checked in Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats mhux inklużi)
- 5 iljieli - Hotel NH Atlanta 4 star – fiċ-ċentru ta' Rotterdam
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 sabiex nagħmlu ċ-check in għat-titjira KM394 li titlaq fis-07.05 u tasal **Amsterdam** Schiphol fil-10.50. Nibqgħu sejrin lejn lejn **Rotterdam** fejn hi magħrufa għal arkitettura moderna li tagħmilha waħda mill-aktar bliet uniċi fl-Ewropa. Sistemazzjoni tal-kmama ġewwa l-Hotel NH Atlanta 4 star li qegħda fiċ-ċentru.Ħin liberu u passiġata mal-leader biex ingawdu lil din il-belt.

### It-Tieni Jum
Illum ser inżuru il- belt sabieħa ta' **Antwerp** li tinsab ġewwa il- Belgium.Jkollna city tour biex ingawdu postijiet ta'nteress bħal monumenti ewlenin u l-pjazza ewlenija ta' Groenplaats, katidral Onze-Lieve-Vrouwekathedraal u l-istatwa tal-artist Rubens, sqaqien u knejjes Gotiċi, flimkien mal-fdalijiet tal-ħitan tal-ġebel tal-qedem u l-Grote Markt (Pjazza tas-Suq il-Kbir). Nkomplu lejn l-imtieħen fl-Olanda, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' **imtieħen** daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irid jista' jieħu boat trip madwar il-kanal (extra).





### It-Tielet Jum
Buffet breakfast, wara jkollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda. Nirritornaw lura l-hotel. Ħin liberu biex tgawdu iċ-ċentru bil ħwienet sbieħ ta'Rotterdam.

### Ir-Raba' Jum
Wara l breakfast ġurnata libera ġo Rotterdam jew min jixtieq jista' jqatta' ġurnata sħiħa fl-isbaħ themepark tal-Olanda, **Efteling Theme Park (transfers u dħul extra)** post ta' divertiment għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu **roller coasters, Top Spin, Pirate Ship, Magic Bowl u għall-familja nsibu Trackless Train, Ocean Self Control Plane, W-Wave Flying Boots** u bosta logħob ieħor u shows għal kulħadd dawn kollha jagħmlu din il-ġurnata waħda memorabbli għal kulhadd. Nirritornaw lura lejn l-lukanda.

### Il-Ħames Jum
Llum mmorru t-**Tulip festival f'Keukenhof** Gardens(ent fee extra). Ser ikollna l-opprtunita li naraw dan il-ġmiel ta' ġnien mimli fjuri. Fost kollezzjonijiet fantastiċi ta' Tulips, Irises, Lillies, Hyacinth, Daffodils, Orchids u għadd kbir ta' fjuri oħra. Ikollna ħin bizzejjed sabiex induru dan il-ġnien u ngawdu atmosfera pjaċevoli. Wara nkomplu bil-vjaġġ tagħna lejn **Madurodam** (dħul extra) park b'differnza fejn naraw għadd ta' postijiet fl-Olanda magħmulin fuq skala zgħira.

### Is-Sitt Jum
Wara l'breakfast nibqgħu sejrin lejn iċ-ċentru tal-belt t'Amsterdam fejn ikollna **city tour** biex naraw postijiet ta' interess fosthom **Royal Palace, National Monument, Dam Square, Rembrandt Square, Skinny Bridge, Anne Frank House**, naraw il-famużi kanali li jdawru lil din il-belt u l-port t'Amsterdam. Naraw il-mitħna li tinsab fuq x-**xmara Amstel**. Ħin liberu u wara transfer bil-kowċ lejn Schiphol Airport fejn nagħmlu check-in għat- titjira KM397 li ttir fis-19.35 u naslu lura Malta għal 22.40.





8 t'ijiem

# Treasures of North Macedonia

**Grupp A: 01 – 08 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 22 - 29 ta' Mejju**

**SKOPJE, MOUNT VODNO, PRISITNA, PRIZREM, OHRID, MAVROVO, BITOLA, STOBI, MATKA CANYON, GORNO NEREZI**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, *Half Board u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1080 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1080 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1195 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €930 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal-Wizzair għal Skopje
- 20kgs Checked In Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t'iljieli Hotel Next Door Park Hotel 4 star
- 3 t'iljieli Hotel Nova Riviera f'Ohrid 4 star
- Buffet Breakfast kuljum
- Half board (skont il-programm)
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax mhux inkluża
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fid-20.50 għat-titjira W6 7766 li ttir fl-23.10 u naslu **Skopje** fis-00.50. Vjagg qasir iwassalna fiċ-ċentu ta'Skopje u lejn il-'Hotel Next Door Park 4 star'.

### It-Tieni Jum
Buffet breakfast, ikollna city tour mal-belt ta' **Skopje** bil-gwida tal-lokal (English Speaking) fejn inżuru l-belt il-ġdida kif ukoll il-belt il-qadima. Naraw (bħall-aktar) l-aktar attrazzjonijiet interessanti: Porta Macedonia, Skopje Fortress, Macedonia Square u Stone Bridge kif ukoll it-toroq storiċi tal-belt il-qadima. Inżuru il-Memorial House ta' Mother Theresa u St Holey Salvation Church. Ikollna ħin liberu għall-ikel (extra). Wara nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn il-muntanja Vodna biex nużaw il- cable car biex inżuru l'Millenium Cross. Nirritornaw lura l-hotel, ħin liberu u ċena fil hotel

### It-Tielet Jum
Wara li nieħdu l-buffet breakfast lestejna għalikom eskursjoni mill-iżjed interessanti għar-reġjun tal-inbid, izda qabel nagħmlu l-ewwel waqfa tagħna fis-sit arkeoloġiku ta' **Stobi** li jinsab fil-konfluwenza tax-xmajjar Crna u Vardau, kienet l-akbar belt fin-naħa ta' fuq tal-Imperu Ruman u Provinċja tal-Macedonia. Fost oħrajn insibu santwarji kbar u l-famuż Teatro. Wara nibqgħu sejrin lejn **Chateau Sopot Winery** fejn flimkien se jkollna l-okkażjoni li naraw kif isir il-proċess tal-inbid u jkollna wkoll l-opportunita' li nduqu tipi ta'nbejjed differenti u nirrilassaw sa ma' niġu servuti l-Pranzu (imħallas). Nirritornaw lura lejn Skopje iżda qabel nagħmlu waqfa fl 'East Gate Shopping Mall' wara nkomplu lejn il-hotel u ħin liberu.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast u tluq bil-kowċ lejn **Ohrid** via **Mavrovo** li hu famuż għall-ġobon, waqfa fil-kumpless '**Korab Trinca**' famuż bħala wieħed mill-aqwa produtturi tal-ġobon fil-pajjiz. Ftit ħin liberu inkomplu nivjaġġaw matul ix-xmara Radika u nżuru **Rajcica Monastery**. Nkomplu lejn iċ-ċentru ta' Struga u ħin liberu għall-ikel. Inkomplu lejn Ohrid u kif naslu jkollna sistemazzjoni tal-kmamar fil-Hotel Nova Riviera 4 star fiċ-ċentru. Ċena fil-Hotel

### Il-Ħames Jum
Buffet breakfast, lestejna għalikom city tour mal-belt ta' **Ohrid**, fejn ser ikollna l-opportunita' li naraw postijiet ta' interess. Mixja li taspirana matul il-lag, ingawdu toroq dojoq tant pittoreski sal-għoli t'Ohrid il-ġmiel tal-knejjes Bizantina, kif ukoll Somails Fortres. Inkomplu l-eskursjoni tagħna billi jkollna cruise madwar il-lag t'Ohrid fost xenarju li jpaxxik. Wara nofsinnhar inżuru St Naum Monastery. Nirrotornaw lura l-hotel. Filgħaxija serata speċjali fejn ser nattendu f'lokal fejn se nigu servuti ikla tradizzjoanli u Muzika folkloristika (inkluż).



### Is-Sitt Jum
Eskursjoni ta' ġurnata għall-belt ta' **Bitola**. L-ewwel żjara tagħna tkun lejn l-Archeological Site Heraclea Lyncestis fejn nammiraw l-art tal-Mosaic tant preservat tajjeb. Dan is-sit tant importanti kien instab fir-raba' seklu Qabel Kristu. Nkomplu lejn Bitola, mixja matul it-triq Shirok Sokak nammiraw l-arkitettura Neoklassika, djar, cafes u restaurants. Wara nżuru l-Old Bazaar minn fejn nimxu lejn il-Green Market u naraw postijiet storiċi bħal clock Tower u Yeni Mosque.Wara jkollna ħin liberu għall- ikel (extra) u xiri ta' souvenirs. Nirritornaw Ohrid u ċena fil-hotel

### Is-Seba' Jum
Breakfast u eskursjoni ta' nofs ta' nhar għal **Bay of the Bones** li huwa kumpless arkeoloġiku li jinsab fil-post tal-iskavar ta' Ploca Micov Kamen, ħdejn Gradishte u Pestani tul il-kosta ta' Ohrid. Nkomplu lejn Sveti Naum Monastery. Nirritornaw lura l'hotel. Illum ma hemx ikel biex tieħdu l-opportunita li dduqu ikel tradizzjonali tal gosti tagħkom f'wieħed mill ħafna restaurants madwar il hotel.

### It-Tmien Jum
Transfer bil-kowċ lejn **Matka Lake** via **Kitcevo** fejn ser ikollna l-opportunita' li ngawdu l-ġmiel ta' dan il-Canyon u jkollna boat trip madwar il-lag u li twassalna' **Cave Vrelo'**. Wara jkollna ikla tradizzjonali (imħallsa) u nkomplu lejn l-ajruport ta' Skopje għat-titjira W6 7765 li ttir fid-20.55 u naslu lura Malta fil-22.40.



11 il-ġurnata

# Treasures of Morocco

**Grupp A: 29 ta' Marzu – 08 t'April**
**Grupp B: 06 – 16 ta' Settembru**
**Grupp Ċ: 18 – 28 t'Ottubru**

**MARRAKECH, DADES, MARZOUKI, FEZ U CASABLANCA**

### L-Ewwel Jum
Nilaqgħu l'ajruport fit-08.30 sabiex issir check-in għall-flight TK1370 li ttir fil-10:50 u naslu f'Marrakech fl'21.50 f'waqfa ġo Istanbul. Transfer lejn il-Hotel Nassim 4*, sistemmazjoni tal-kmamar u ħin liberu

### It-Tieni Jum
Breakfast u nibdew zjara tagħna lejn il-**Moskea ta' Koutoubia** biex naraw l-minar famuż u l-ġonna sbieħ tiegħu. Nkomplu lejn il-**Pjazza Jemaa el-Fnaa** u nesploraw is-swieq mimlija kuluri, spices, ġilda u xogħlijiet artiġjanali. Ħin liberu għall-ikel u għax-shopping. Filgħaxija, ikla fil-hotel, wara min irrid jista' jmur sa Jemaa el-Fnaa biex jara l-atmosfera ħajja bil-mużika, l-ikel tat-triq u l-ispettakli taħt l-istilel.

### It-Tielet Jum
**Optional** – Filgħodu kmieni eskursjoni straordinarja għall-attività ewlenija tagħna li se tkun titjira bil- Hot Air Balloon, esperjenza li tippermettilna naraw l-panorami maġestiċi tal-**l-Marokk minn fuq**. Wara l'breakfast mmorru mal-gwida lejn il-**Palazz ta' Bahia** u l-oqbra tas-Saadian biex naraw l-istorja u l-arkitettura tagħhom. Imbagħad nżuru l-Ġnien Majorelle, oasi mimlija kuluri u pjanti eżotiċi. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu għall-ikel u żjara fil-Pjazza Jemaa el-Fnaa. Filgħaxija dinner il-hotel.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast u nibdew l' vjaġġ lejn il-**Muntanji Għolja tal-Atlas**. Nieqfu fit-**Tizi n'Tichka Pass** biex nieħdu ritratti panoramiċi tal-pajsaġġ. Nkompli lejn il-villaġġ fortifikat ta' **Ait Benhaddou** biex nesploraw l-kasbah, ħin liberu għall-ikel (extra).Wara nofsinhar, insuqu lejn tul it-"**Triq tal-Elf Kasbah**" lejn **Ouarzazate**, b'waqfa qasira għall-ritratti tal-Kasbah Taourirt jew studios tal-films. Nkomplu lejn il-Hotel Kasbah Xaluca f'Dades Valley, sistemazzjoni tal-kmamar u ċ-ċena.

### Il-Ħames Jum
Breakfast u nibdew l- vjaġġ qasir lejn **Dade Gorge** biex naraw l-formazzjonijiet tal-blat impressjonanti. Nkomplu lejn id-deżert b'waqfa fil-Gorge sabiħa ta' Todra għal mixja u għar-ritratti. Ħin liberu għall-ikel u nkomplu lejn Merzouga, fejn ngħaddu minn Erfoud u Rissani. Mal-wasla tagħna f'Hotel Kasbah Yasmine nħallu l-bagalji u nibdew l' vjaġġ memorabbli fuq il-ġmula fid-duni tad-deżert, biex naraw x-xemx tinżel fuq is-Saħara. Filgħaxija ikla tradizzjonali b'mużika u kamp tan-nar, nqattgħu lejl f'tinda taħt l-istilel.

### Is-Sitt Jum
Wara l-breakfast, nibdew vjaġġ twil pittoresk lejn **Fes**. Tul it-triq, nieqfu għal ikla ta' nofsinhar (mhux inkluża) f'belt sabiħa ta' **Midelt**, nkomplu l-vjaġġ tagħna permezz tal-**foresti taċ-ċedri tal-Atlas tan-Nofs**, fejn nistgħu naraw x-**xadini Barbary** li jgħixu hemm. Wara, ngħaddu mill-belt pittoreska ta' **Ifrane**, magħrufa għall-arkitettura tagħha ta' stil Ewropew u d-dehra alpina tagħha – tant li ħafna jsejħulha "l-Isvizzera tal-Marokk". Naslu **Fes** filgħaxija u sistemazzjoni f'**Riad Menzah Zalagh Hotel**. Ċena fil-Hotel u ħin liberu għall-mistrieħ.

### Is-Seba' Jum
Breakfast u flimkien mal-gwida tal-lokal mixja fil-medina storika. Nzuru **Chouara Tannery** sabiex napprezzaw t-tradizzjoni tal-ġilda, imbagħad nzuru l-**Medersa Bou Inania** jew **Al-Attarine Madrasa**. Ikollna **ikla tradizzjonali** fil-medina (mhux inkluża). Nkomplu lejn souks, inkluż il-**Coppersmiths' Square** u l-**Al-Qarawiyyin Mosque**. Nzuru l' **Merenid** Tombs għal veduti panoramiċi tal-belt. Nirritornaw lura l-Hotel u filgħaxija mmorru ġo restorant lokali għall-ikla u **show f'Palais la Medina**.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board, Entraturi u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1460 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1480 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1780 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mat-Turkish Airline via Istanbul
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi mħallsa għal Hasan II Mosque, Bouanania Medrassa, Volubulis, Palais Bahia, Majorelle Gardem
- Dawra fuq il-ġemel ġo Merzouga
- Dinner Show ġo Fes
- Ikla Tradizzjonali
- 9 iljieli skont il-programm
- Breakfast u ikel ta' filgħaxija skont l-programm
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour-leader + Gwidi lokali matul l-eskursjonijiet
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*Ikel ta' Nofsinhar
*Hot Air Balloon
*Mandatory Tipping €30 għal gwidi u għad-drivers
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

### It-Tmien Jum
Wara l-breakfast nibdew l' vjaġġ lejn **Casablanca**, b'waqfa qasira f'**Meknes**, il-kapitali storika Ismaili. Nkomplu lejn **Rabat**, jkollna mixja lejn **Hassan Tower** u **Mausoleum ta' Mohammed V**, żewġ landmarks ikoniċi tal-Marokk. Ħin liberu għall-ikel u nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Casablanca. Mal-wasla sistemazzjoni tal-kmamar f'Hotel **Kenzi Basma.** Filgħaxija, jkollna **ikla fir-ristorant tal-Hotel**

### Id-disa' Jum
Illum **flimkien mal-gwida** nzuru **Hassan II Mosque** fejn jispjega d-dettalji u l-kobor ta' dan il-monument arkitettoniku. Waqt li nduru madwar il-moskea, ngawdi d-disinn impressjonanti u l-veduti panoramiċi tal-Oċean Atlantiku.Ħin liberu u wara mmorru sal-**Habous Quarter (New Medina)** għal xiri ta' suvenirs ecc. Filgħaxija jkollna l-aħħar ċ-ċena Marokkina .

### L-Għaxar / Ħdax il- Jum
Breakfast u ħin liberu għall-aħħar personal sightseeing. Transfer bil-kowċ lejn Marrakesch fejn mal-wasla tagħna nagħmlu dawra tal-aħħar qasira u nkomplu lejn l-ajruport sabiex issir iċ-check in ma' TK622 li jitlaq min Marrakesch fil-22.50 via Istanbul. Naslu Istanbul fis-05.45 u titjira oħra ta' TK1369 li titlaq fit-07.50 twassalna lura pajjizna għad-09.15.



**7 t'ijiem**

# Valle D'Aosta & Piemonte

## with a touch of France

**Grupp A: 01 – 07 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 22 – 29 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 15 – 21 ta' Ġunju**

**AOSTA, TORINO, GRAN PARADISO, COGNE, LILAZ, CHAMONIX, COURMAYEUR, ANNECY, U NOVARA**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1040 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1045 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1360 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €885 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Air għal Milan
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Omama Social 4 star fiċ-ċentru ta' Aosta
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.30 għat-titjira KM624, tluq fin-12.35. Naslu l-ajruport ta' Milan fis-14.35. Transfer bil-kowċ lejn **Valle D'Aosta** fost xenarju ta' muntanji u widien mill-isbaħ ġewwa l-Italja. Akkomodazzjoni f'**Hotel Omama Social 4star** ġewwa Aosta. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader.

### It-Tieni Jum
Illum noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Torino**, il-kapitali tal-Piemonte. Ikollna city tour fejn naraw il-ġmiel meraviljuż tal-Palazz Rjali, Palazzo Madama, il-katidral, il-Mole Antonelliana li huwa l-ogħla bini f'din il-belt, Piazza San Carlo, Via Roma, Piazza Castello, Palazzo Carignano, il-katidral fejn hu miżmum il-liżar ta' Kristu u ħin liberu. Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Bażilika Superga,** opra tal-kbir Juvarra.

### It-Tielet Jum
Wara buffet breakfast inżuru l-ġmiel pittoresk tal-Alpi Franċiżi ġewwa l-belt **t'Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkitettura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. Palais de l'Ile, St.Pierre Cathedral, St. Francis Church, il-kastell u l-kanali jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Ikollna fil-ħin liberu għax-xiri u sightseeing jew min irid jista' jmur cruise (extra) madwar il-lag sabiħ t'Annecy. Passiġġata mal-lag mhux ta' min jitlifha!

### Ir-Raba' Jum
**Chamonix** huwa ski resort pittoresk fl-Alpi Franċiżi eżattament fir-reġjun Haute Savioe jistenniek biex tiskopriħ! Nagħmlu dawra mat-toroq tipiċi kollha boutiques u bini mill-isbaħ. Min irid jista' jitla' fuq il-muntanja **Aguille De Midi** f'għoli ta' 3842 metru (ħlas extra). Gawdi xi ikla tipika u xi tazza nbid tajba qabel nitilqu lejn ir-riżort Taljan ta' **Courmayeur**. Post ieħor li jiftaħar bi storja antika u snin twal ta'skiing champions. Imdawwar bi spettaklu sabiħ tal-**Monte Bianco, Courmayeur** għandu jsaħħrek. Niskopruh billi nagħmlu dawra bil-mixi lejn Via Roma b'waqfa ġewwa l-Cafe' storiku '**Caffe Dekka Posta'.**

### Il-Ħames Jum
Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-isbaħ ġewwa l-**Gran Paradiso Park**, li kien il-bosk tal-kaċċa tal-familja Savoia. Hawn naraw ġmiel ta' veduti, muntanji u xmajjar kif ukoll foresti. Naraw għadd ta' nixxigħat tal-ilma li jibqgħu neżlin sal-widien ta' Dora Boltea. Naraw ukoll għadd t'annimali bħall-**Ibex**, **Chamois**, **Eagle** eċċ...Fil-villaġġ ta' **Lillaz** naraw waterfalls mill-isbaħ, tlett kaskati għolja 150 metru. Fost xenarju li jsaħħrek insibu l-villaġġ ta' **Cogne**. Nagħmlu passiġġata biex niskopru l-ġmiel ta' dan il-post. Inzuru wkoll il-fabbrika tal-grappa fejn ikollna l-opportunita' li naraw kif tinħadem u jkollna ċans induquha wkoll u ħin biżżejjed biex nixtru minn dawn il-prodotti.

### Is-Sitt Jum
Breakfast u walking tour mal-belt t'Aosta - belt pittoreska ġewwa r-reġjun ta' **Valle D'Aosta**, magħrufa bħala Ruma tal-Alpi. Aosta hi mogħnija b'ħafna monumenti, knejjes u l-famuża **Piazza** Émile ***Chanoux***. Inżuru postijiet storiċi bħal **Porta Pretoria**, **Augustus Arch**, **Sant'Orso Complex** u l-**katidral Aosta**, ikollna ħin liberu biex tkunu tistgħu żżuru suq fejn hawn issibu dak kollu li tridu. Wara nofsinhar bil-kowċ nkomplu lejn ir-riżort magħruf ta' Breuil-Cervinia li hu mżejjen b'xeni ta' glaċieri meraviljużi. Nieqfu biex ingawdu dan ix-xenarju u nagħmlu dawra mal-post. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn San Vincent magħruf għal Casino Della Valle fejn nieqfu għal sightseeing.

### Is-Seba' Jum
Breakfast u jkun wasal il-ħin li nħallu Valle d'Aosta b'tant memorji sbieħ u nibdew il-vjaġġ tagħna Novara famuza għall-Basilica di San Gaudenzio, il-Katidral ta' Santa Maria Assunta, u l-Broletto storiku fejn hemm ukoll gallerija ta' arti. Mal-wasla tagħna nagħmlu mixja mat-toroq tal-Old Town mimlija ħwienet u kafetteriji. Ħin liberu għal aperitiv f'Piazza Cavour. Nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira KM625 li titlaq minn Milan fl-15.35 u naslu lura Malta fil-17.25

### Is-Seba' Jum Grupp B u Ċ
Wara l-breakfast nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' Milan, fejn ikollna l-opportunita' li naraw il-Katidral, Piazza Duomo, Teatro La Scala u Castello Sforzesco. Ikollna ftit ħin liberu u nibqgħu sejrin lejn l-ajruport ta' Linate għall-flight KM625 li ttir fid-20.40 u naslu lura Malta fil-23.10





**7 t'ijiem**

# Italia Delle Meraviglie
## & The Centovalli Scenic Train from Italy to Switzerland

**Grupp A: 02 – 08 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 18 – 24 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 08-14 ta' Ġunju**

**ASCONA, LUGANO, COMO, BRUNATA, LAKE ORTA, MOTTARONE, LAGO MAGGIORE, BORROMEO ISLANDS, STRESA, CENTOVALLI, LOCARNO, ISOLA SAN GIULIO**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1040 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1040 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1340 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adult | €900 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Linate
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Concorde Arona 4 Star, fiċ-ċentru
- Breakfast Buffet kontinentali
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-10.30 għat-titjira KM624 li ttir fis-12.45 u naslu Milan fis-14.45. Transfer bil-kowċ lejn **Arona** fejn ser inkunu akkomodati ġewwa **Hotel Concorde 4 star**. Sistemazzjoni tal-kmamar u wara mat-tour leader immorru dawra saċ-ċentru tal-belt. Ċena fil-hotel.

### It-Tieni Jum
Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **Mottarone**, muntanja li toffri veduti spettakolari fuq seba' lagi differenti u fuq il-muntanji majestużi tal-Alpi. Naqbdu l'cable car (extra) hekk kif nitilgħu, naraw il-foresti ħodor, il-widien profondi u x-xatt tal-Lag Maggiore jinfetaħ taħtna. Fuq il-quċċata jkollna ċans ngawdu l-panorama li tħallina bla kliem. Wara nkomplu lejn **Stresa**, belt eleganti ħdejn il-lag magħrufa għall-villaġġi tagħha mimlijin fjuri, il-binjiet aristokratiċi u l-promenade sabiħa. Nirritornaw lura l-hotel u ċena.

### It-Tielet Jum
Eskursjoni mill-iżjed interessanti li se teħodna ġewwa l-**Iżvizzera** fejn se nżuru il-belt ta' **Lugano** – il-belt kapitali tal-canton ta' **Ticino u Ascona** li tinsab **mal-lag Maggiore.** L-ewwel inżuru l-belt ta' Lugano, fejn ser ikollna dawra interessanti mat-tour leader. Hawn niskopru iċ-ċentru storiku, il-Knisja ta' Santa Maria Degli Angeli, mixja matul il-**Lag ta' Lugano** imdawwar bil-muntanji. Ikollna ħin liberu. Immorru Ascona li tinsab fin-naħa ta'fuq ta' Lago Maggiore. Dawra fiċ-ċentru l-qadim, nagħmlu mixja matul it-toroq pittoreski u mimlija b'ristoranti u cafes li twassalna sal-promenade. Ħin liberu u nirritornaw lejn il-hotel.



### Ir-Raba' Jum
Se nqattgħu ġurnata sabiħa b'eskursjoni lejn **Como** u **Brunate**, kombinazzjoni perfetta ta' belt eleganti u veduti panoramiċi impressjonanti. Naslu **Como** u nibdew nagħmlu mixja fil-belt storika tagħha, fejn nistgħu naraw il-Katidral maestuż b'faċċata Gotika-Rinaxximentali, il-pjazez ħelwin mimlijin ħwienet u cafés, kif ukoll il-promenade tul ix-xatt tal-lag li joffri atmosfera kalma u ritratti mill-isbaħ. Minn hemm, nitilgħu bil-funikular lejn **Brunate** (extra) villaġġ li jinsab fuq għolja u li joffri veduti spettakolari fuq il-Lag ta' Como, il-muntanji ta' madwaru u l-bliet żgħar imxerrdin fit-territorju. Wara l-esperjenza panoramika f'**Brunate**. Nirritornaw lura l-hotel.

### Il-Ħames Jum
Wara l-brekfast, neħulha lejn **Domodossola**, fejn nibdew l-esperjenza tagħna bil-ferrovija panoramika **Centovalli** (biljett extra). Il-vjaġġ, li jdum madwar siegħa, jgħaddina minn widien sbieħ, foresti ħodor u fuq pontijiet spettakolari, u joffri veduti naturali impressjonanti tul it-triq. Bil-ferrovija naslu fil-belt Svizzera ta' **Locarno**, li tinsab fuq ix-xatt tat-tramuntana ta' Lago Maggiore, fejn ikollna ħin liberu nesploraw il-pjazez eleganti, it-toroq tul-il-lag u l-ħwienet. Min jixtieq jista' jitla bil-funikular sal-**Madonna Del Sasso** (biljett extra), santwarju magħruf u post ta' pellegrinaġġ li joffri veduti impressjonanti tal-lag u l-muntanji tal-madwar. Nirritornaw lura l-hotel, ċena u filgħaxija mixja mal-leader.

### Is-Sitt Jum
Buffet breakfast. Nofs ta' nhar liberu, illum ġewwa **Arona** għax jarma is-suq fejn issibu dak kollu li tridu. Għal ħabta tan-12.30 eskursjoni għal **Lago D'Orta** li hu wieħed mill-isbaħ **Lagi tal-Italja**. Vjaġġ qasir iwassalna ġewwa **Orta**. Dawra mal-leader fejn inżuru **Sacro Monte-** ddedikat lil San Franġisk. Hawn insibu 20 kappella li jiddeskrivu episodji mill-ħajja u l-mirakli ta' San Franġisk. Issa jmiss li nżuru Orta, fejn dawra mal-leader teħodna matul it-toroq dojoq u tant pittoreski ta' din il-belt. Naraw **it-Town Hall u mill-ġnien** ingawdu Panorama sabiħa tal-lag u Isola San Guilio, il-pjazza prinċipali mimlija ristoranti u cafes, għadd ta' ħwienet żgħar bi prodotti tradizzjonali. Ħin liberu fejn tistgħu żżuru **Isola San Guilio** (boat extra). Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### Is-Seba' Jum
Illum eskursjoni biex inżuru l-gżejjer **Borromean**. Nitilqu lejn Stresa mnejn naqbdu d-dgħajsa biex inżuru l-gżejjer (prezz tad-dgħajsa u dħul extra). L-ewwel immorru **Isola Bella** fejn inżuru palazz rinaxximentali tal-familja aristokratika **Borromean u l-ġnien botaniku, Salone d'Onore, Sala Delle Colonne, Sala della Musica, Galleria degl'Arazzi, Grotti Artificiale.** Dan il-palazz majestuż mibni fuq stil gotiku hu mżejjen bi ġnien mill-isbaħ. Issa jmiss li nżuru **Isola dei Pescatori** - gżira medjevali b'ħafna toroq dojoq u veduti mill-isbaħ. Ħin liberu għal xiri tas-souvenirs jew hawn ikollkom ċans li tieklu ikla ħut tajba (extra). Nibdew il-vjaġġ lura tagħna iżda qabel nagħmlu dawra bil-boat ma' **Isola Madre** . Wara jkollna transfer lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fl-20.45 u tasal lura Malta fil-22.45.

**Nota għall-grupp A:** L-eskursjoni ta Borromean issir fis-Sitt Jum u fis-seba' Jum issir l'eskursjoni ta' Lago D'Orta. It-Titjira lura Malta titlaq fit-15.35 u naslu fil-17.35



6 t'ijiem

# Scotland
## Whisky, Castles & Scenic Highlands

**11 – 16 ta' Marzu 2026**

**LOCH LOMOND, GLEN COE, FORT WILLIAM, ISLE OF SKYE, PORTREE, EILEAN DONAN CASTLE, LOCH NESS, URQUHART CASTLE, INVERNESS, FORT AUGUSTUS, STIRLING CASTLE & EDINBURGH**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, *Ikliet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1165 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1170 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1460 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira għal Edinburgh mar-Ryanair
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (cable cars mhux inklużi)
- 3 iljieli ġo Isle of Glencoe Hotel 3star u 2 iljieli f'Edinburgh ġo Yotel 4star
- Scottish Breakfast
- 3 ikliet ġo Ballachulish
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*UK ETA
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Erbgħa 11 ta' Marzu
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fis-06.00 għall-flight FR6696 li ttir fit-08.10 u naslu Edinburgh fil-11.00. Mal-wasla tagħna transfer lejn Fort William, vjaġġ b'waqfiet pittoreski ġo **Loch Lomond** u **Glen Coe**. Loch Lomond, magħruf għall-ilmijiet tiegħu sbieħ u x-xmajjar ġo fjords. Nkomplu lejn Glen Coe li huwa wieħed mill-aktar wied spettakolari fl-Iskozja. Mal-wasla tagħna f'Ballachulish ġo Fort William, ikollna sistemazzjoni tal-kmamar f'Isle of Glencoe Hotel 3star u ċena.

### Il-Ħamis 12 ta' Marzu
Scottish Breakfast u nibdew l-ġurnata bi żjara f' Glenfinnan Viaduct, magħruf ukoll bħala l-pont ta' Harry Potter, u l-monument storiku tiegħu. Minn hawn nieħdu ferry lejn **Isle of Skye** u nzuru Portree, port pittoresk bil-ħitan tradizzjonali bojod u djar b'kuluri differenti. Ħin liberu biex ngawdu dan il-post b'veduti mill-isbaħ u tal-gzejjer tal-madwar. Fit-triq lura lejn Fort William, se jkollna waqfa għar-ritratti f'**Eilean Donan Castle** wieħed mill-kastelli ikoniċi ta' Skozja. Ċena fil-Hotel.

### Il-Ġimgħa 13 ta' Marzu
Eskursjoni ta' ġurnata lejn **Loch Ness** u Inverness, nibdew il-vjaġġ lejn Loch Ness, il-lag misterjuż magħruf għall-legenda ta' Nessie. Nagħmlu waqfa għal żjara f'Urquhart Castle, li joffri veduti spettakolari fuq il-lag u storja medjevali interessanti (ent fee extra). Wara nkomplu lejn Inverness, belt antika b'djar tradizzjonali, ħwienet zghar u pontijiet fuq il-Lag Ness. Nkomplu lejn **Fort Augustus** għal waqfa għar-ritratti u nirritornaw lura l-Hotel għaċ-ċena.

### Is-Sibt 14 ta' Marzu
Scottish Breakfast u nibdew l-vjaġġ tagħna lejn **Edinburgh** izda l-ewwel nieqfu b'waqfa f'Stirling Castle, wieħed mill-akbar kastelli Skoċċizi b'ħafna storja u arkitettura (ent fee extra). Nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn il-belt kapitali tal-Iskozja ta' Edinburgh, waħda mill-bliet l-aktar storiċi u pittoreski fl-Ewropa. Hija magħrufa l-aktar għall-Edinburgh Castle u il-Royal Mile. Sistemazzjoni tal-kmamar ġo Yotel li hi 4star.

### Il-Ħadd 15 ta' Marzu
Wara l-breakfast jkollna s-City Tour f'Old Town u l-Royal Mile, fejn nesploraw it-toroq storiċi, djar antiki, u ħwienet lokali. Nzuru **Edinburgh Castle** fejn joffri veduti panoramiċi tal-belt u storja rikka (ent fee extra). Ħin liberu għal-persoal sightseeing jew għax-xiri f'Princess Street. Ċena fil-hotel.

### It-Tnejn 16 ta' Marzu
Scottish Breakfast u wara nzuru **Holyrood Distillery (ent fee extra)**, lewwel distillerija ta' single malt ġewwa l-belt ta' Edinburgh. Hawn ikollna esperjenza fejn naraw l-proċċess tradizzjonali ta' kif issir il-Whisky, kif ukoll tasting ta' prodotti lokali. Ħin liberu għal-xiri ta' suvenirs jew għall-lunch. Għall-ħabta ta' 15.00 transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Edinburgh għall-flight FR6695 li ttir fis-18.20 u naslu lura Malta fil-23.10.





# Wonders of Wales

**7 t'ijiem**

**01 – 07 t'April (Easter Holidays)**

**WINDSOR, CARDIFF, BRISTOL, SWANSEA, GOWER PENINSULA, TENBY, CAERPHILLY**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1290 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1290 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1620 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Heathrow
- 20kgs Checked Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 6 iljieli – Jurys Inn Hotel 4-star
- English Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*UK ETA
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li m'għandniex kontroll fuqhom.

### L-Erbgħa 01 t'April
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.15 għat-titjira KM100 li ttir 07.05 u naslu Heathrow fl-09.45. Wara nitilqu bil-kowċ lejn **Windsor** fejn ser ikollna l-opportunita' li nżuru Windsor Castle (entratura extra). Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Cardiff** ġo Wales. Mal-wasla tagħna fil-**Hotel Jurys Inn 4 Star,** issir is-sistemazzjoni tal-kmamar, għal dawk li ħadu l-half board l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

### Il-Ħamis 02 t'April
Wara li nieħdu buffet breakfast ikollna **city tour** madwar il-belt sabiħa ta' **Cardiff** li hi l-akbar u l-belt kapitali ta' Wales. Din il-belt hija l-kapitali taċ-ċentru kummerċjali, il-bażi għal ħafna istituzzjonijiet kulturali u sportivi fuq bażi nazzjonali ta' Wales. Hawnhekk ser naraw il-Knisja ta' San Ġwann il-Battista, Millenium Stadium, il-Kastell, Castle Park, City Hall, National Stadium, il-Katidral Llandoff, il- bajja ta' Cardiff u l-Millenium Centre ta' Wales. Ikollna ħin liberu biex nimxu madwar il-bajja ta' Cardiff. Filgħaxija ħarġa mal-leader. Ċena fil-hotel.

### Il-Ġimgħa 03 t'April
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bristol u Caerphilly**. Nibdew l-ewwel billi nżuru **Caerphilly Castle** (entratura extra) li hu l-akbar kastell fir-Renju Unit. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Bristol** fejn ser ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet ta' interess bħal Pjazza Regina, Millenium Waterfront Square, City Hall u College Green. Naraw Clifton Suspension Bridge u Clifton Observatory. Ikollna ħin liberu għax- xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel, filgħaxija ħarġa mal-leader.



### Is-Sibt 04 t'April
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Swansea.** Din hija belt kostali f'Wales. Hija t-tieni l-akbar belt wara Cardiff. Fi Swansea ħa naraw il-pjazza tal-kastell, il-Knisja ddedikata lil Santa Marija, National Waterfront u l-Maritime Quarter. Hawnhekk ikollna ħin għall-ikel (extra) u għal shopping f' The Quadrant Shopping Centre li huwa ċentru tax-xiri prinċipali fi Swansea. Wara nofsinnhar ħa nżuru **Gower Peninsula - Gower** li hija magħrufa għall-kosta tagħha, popolari ma' min iħobb jimxi u speċjalment mas-surfers. Gower għandha ħafna għerien, fosthom **Paviland Cave** u **Minchin Hole Cave**. Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### Il-Ħadd 05 t'April
L-eskursjoni tal-llum ser teħodna ġewwa **Tenby** li hija belt turistika mdawra bil-baħar. Hawnhekk naraw Castle beach, il-kastell, il-port tas-Sajjieda, il-Knisja ta' Santa Marija, Tudor Merchants House, il-Gżira ta' Santa Katerina. Ikollna ħin liberu ghall-ikel (extra) u għal shopping ġewwa High Street. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **St Davids** iżda l-ewwel nagħmlu waqfa qasira fi **Newgale Beach** li hija bajja mdawra minn ħajt li jservi ta' lqugħ għal villaġġ minħabba xi maltempata u mewġ għoli, madankollu ħafna drabi blat u ġebel imkisser jiġu maħsula fit-triq prinċipali. Wara din il-waqfa nibqgħu sejrin lejn ir-raħal żgħir ta **St Davids**. Dan ir-raħal huwa l-iżgħar fl-Ingilterra kemm f'termini ta' daqs kif ukoll ta' popolazzjoni. Dan huwa l-post fejn huwa midfun San David, qaddis patrun ta' Wales. Nirritornaw il-hotel għaċ-ċena.

### It-Tnejn 06 t'April
Wara li nieħdu l-breakfast ikollna ġurnata libera sabiex tkunu tistgħu tgawdu l-belt ta' Cardiff bl attrazzjonijiet li din il-belt toffri.Għal dawk li jħobbu shopping tistgħu żżuru St David Shopping Centre fejn issibu mal-mitejn ħanut.Għad-dilettanti ta' l-isport jistgħu żżuru l-Principility Stadium (entratura extra u booking minn qabel rekommandat). Min jipreferi n-natura, wieħed jista' iqatta' ħin twil fis sbuħija naturali ta' Bute Park. Dawn l-attrazzjonijiet kollha jinsabu qrib il-hotel.

### It-Tlieta 07 t'April
English breakfast u jkun wasal il-ħin li nħallu l-belt ta' Cardiff u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Heathrow iżda qabel ser inżuru il-belt ta' **Oxford**, fejn se nieqfu għal sightseeing fejn naraw postijiet ta' interess. Ikollna ħin għall-ikel (extra) u xiri ta souvenirs, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Heathrow Airport għat-titjira KM 107 li ttir fis-19.05 u naslu lura Malta fil-23.25.





5 t'ijiem

# Panoramic North Italy
## & The Bernina Express

**Grupp A: 04 - 08 ta' Marzu**
**Grupp B: 03 - 07 t' April (Easter Holidays)**
**Grupp Ċ: 03 - 07 ta' Ġunju**
**Grupp D: 24 – 28 ta' Ġunju**
**Grupp E: 15 – 19 ta' Lulju**
**Grupp F: 02 – 06 Settembru**
**Grupp G: 16 – 20 ta' Settembru**
**Grupp H: 28 t'Ottubru sa 01 ta' Novembru**

**SONDRIO,TIRANO, ST. MORITZ, LIVIGNO, BORMIO, LAGO D'ISEO, LOVERE, MONTE ISOLA, BELLANO U LECCO**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €880 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €880 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1020 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €770 |
| Suppliment Gruppi: E & F | €40 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal- KM Malta Air għal Milan
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli - Gran Hotel Della Posta 4 Stars
- Buffet Breakfast kuljum.
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour-leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*F'kaz li għal xi raguni jew oħra cable car ma jaħdimx, noffru alternattiva b'xenarji mill isbaħ

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-10.30 għat-titjira KM624, tluq fis-12.45. Naslu l-ajruport ta' Milan fit-14.45. Transfer bil-kowċ lejn **Sondrio** - belt fil-qalba tal-wied ta' **Valtellina** imdawra bil-muntanji ta' l-Alpi. Check in fil - **Gran Hotel Della Posta** – lukanda 4 Star li tinsab fiċ-ċentru tal-belt.

### It-Tieni Jum
Breakfast u wara vjaġġ qasir lejn il-belt ta' **Tirano** fejn min hawn ser naqbdu il-ferrovija (extra) turistika **'Bernina Express'**. Vjaġġ ta' ftit aktar minn sagħtejn ser iwassalna **St Moritz** ġo lis-Svizzera b'xenarju mpressjonanti ta'muntanji, lagi u glaċieri qalb il-pajsaġġi Alpini. Bla dubju din se tkun esperjenza li mhux ser tinsa qatt!. Meta naslu St Moritz ikollna ħin biżżejjed biex ngawdu din il-belt lussuża u wara nirritornaw Sondrio.

### It-Tieni Jum (applikabli għal Grupp B)
Breakfast u wara nibdew il-vjaġġ tagħna bil-coach lejn **St Moritz ġo lis-Svizzera.** Din ir-rotta tgħaddi mill-**Bernina Pass (2,328m)** – waħda mill-ogħla toroq asfaltati fl-Ewropa miftuħa għat-traffiku - fost xenarju mpressjonanti ta'muntanji, mergħat, lagi u glacieri qalb il-pajsaggi alpini. Bla dubju din se tkun esperjenza indimentikabbli! Meta naslu St Moritz ikollna ħin biżżejjed biex ngawdu din il-belt lussuża u wara nirritornaw Sondrio.



### It-Tielet Jum
Breakfast u tluq lejn **Livigno**. Meta naslu nagħmlu dawra ma' dan ir-rizort biex nammiraw il-ġmiel u xenarju mill-isbaħ. Hawn ikollna l-opportunita li bil-cable car (extra) naslu sal-quċċata tal-**muntanja Carosello** għal-veduta spettakulari. Livigno hi zona duty free u għalhekk wieħed ikollu l-opportunita' li jixtri ċertu oġġetti bi prezzijiet vantaġġjużi fil- ħin liberu. Wara nkomplu lejn villaġġ alpin mill-isbaħ **'Bormio'** fejn nagħmlu dawra fiċ-ċentru medjevali b'toroq dojoq u ħwienet żgħar. Ħin liberu u wara nirritornaw il- hotel.

### Ir-Raba' Jum
Illum ser inżuru **Lago D'Iseo** li hu r-raba' l-akbar lag fil-Lombardija. L-ewwel waqfa tkun **Lovere** fejn wieħed jista' jagħmel mixja mal-lag u jitpaxxa bil-ġmiel tal-muntanji u tal-lag. Illum ikun hemm is-suq fejn hawn issibu wkoll affarijiet tipiċi tar-reġjun. Wara mmorru Sulzano fejn ikollna l-opportunita li naqbdu boat (extra) biex immorru fuq il- gżira **'Monte Isola'** - vjaġġ ta' 5 minuti li jwassalna **'Peschiera di Maraglio' (fishing village).** Jkollna ħin biex ingawdu dan il villaġġ magħmul minn ċentru urban żgħir, sqaqien, toroq dojoq, arkati, turġien u djar ċkejkna. Hawn ma tonqosx xi ikla ħut tajba!

### Il-Ħames Jum
Wara l-breakfast eskursjoni mill-isbaħ. L-ewwel waqfa tagħna se tkun **Bellano** li qiegħed fuq ix-xatt tal-lag Como. Fil-parti qadima ta din il-belt insibu spettaklu tan-natura **'Bellano Gorge'** (extra) b' kaskati b'ilma neżlin mal-hitan għoljin tal-blat. Jkollna ħin biżżejjed biex nimxu mal-passaġġi u ngawdu ġmiel in-natura. Wara nkomplu lejn **Lecco**, villaġġ ieħor sabiħ mal-**'Lake Como'**. Jkollna ħin liberu u passiġġata mal-lag mhux ta'min jitlifa. Nkomplu l- vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM627 li titlaq minn Milan fid-20:45 u naslu lura Malta fl-22:35.

### Il-Ħames Jum (applikabli għall-Gruppi A,B u H)
Wara l-breakfast tluq lejn **Lecco**, villaġġ sabiħ mal-**'Lake Como'**. Jkollna ħin liberu u passiġġata mal-lag mhux ta'min jitlifa. Nkomplu l- vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li titlaq minn Milan fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.15.





7 t'ijiem

# Bella Toscana & Liguria

**Grupp A: 01 – 07 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 09 – 15 ta' Mejju**

**MONTECATTINI, FIRENZE, VIAREGGIO, CARRARA, LUCCA, PISA, PORTOFINO, RAPALLO, SANTA MARGERITA, SIENA, SAN GIMIGNANO U ORVIETO**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half Board u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1040 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1040 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1130 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €940 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**

- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Ruma
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers kif indikat fil-programm
- 6 iljieli - Hotel Plaza 4 star
- Breakfast Buffet
- Ċena kuljum
- L-eskursjonijiet kollha (esklużi l-entraturi, boats u cable car)
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax mhux inkluża
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom .

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 għat-titjira KM612 li ttir fis-07.35 u naslu Ruma fid- 09.00. Transfer bil-kowċ lejn Arezzo, mal-wasla tagħna mmorru sa **Piazza Grande** – l'pjazza ewlenija u waħda mill-isbaħ fl-Italja, mimlija b'bini medjevali u Rinaxximentali u **Corso Italia** - it-triq prinċipali mimlija ħwienet u cafés. Nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Montecatini Terme**. Mal-wasla tagħna issir is-sistemazzjoni tal-kmamar f'4star Hotel. Filgħaxija ċena u ħarġa mal-leader.

### It-Tieni Jum
Buffet breakfast u eskursjoni interessanti għal **Viareggio u Carrara**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa Viareggio ' ta Versilia li hu resort ta' fama mondjali. X'hemm isbaħ minn passiġġata matul il-promenade mill-isbaħ fejn insibu għadd ta'ħwienet, bars u cafes. Ikollna l-opportunita' li nżuru suq enormi fejn issibu minn kollox. Wara nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn Carrara fejn nag]mlu dawra u jkollna ċans nixtru suvenirs magħmulin mill-irħam. Għal dawk li jixtiequ ftit avventura, nagħmlu tour ta' siegħa b'Jeep (extra). Immexxi minn gwidi esperjenzati, dan il-vjaġġ eċċitanti jitla' sal-quċċata tal-muntanja, fejn joffri veduti panoramiċi mill-isbaħ tal-Alpi. Tul it-triq, nżuru l-barrieri attivi tal-irħam u nitgħallmu aktar dwar il-proċess affaxxinanti ta' kif jinħareġ l-irħam. Wara ċ-ċena, flimkien mat-tour leader immorru Montecattini Alto (cable car extra).

### It-Tielet Jum
Eskursjoni mill-isbaħ għal-belt ta' **Firenze,** il-belt kapitali tar-reġjun ta' Toscana u tinsab madwar ix-xmara Arno. Firenze hi magħrufa bħala 'Jewel of the Renaissance', miljuni ta' turisti jżuru iċ-ċentru storiku ta' Firenze. Hawnhekk naraw il-famuż Duomo fejn min irid jista' jitla' sa fuq il-koppla biex taraw veduta sabiħa ta' Firenze. Naraw il-Battistero u l-kampnar famuż iddisinjat minn Giotto, il-Katidral, Ponte Vecchio u Piazza Signoria li hi ddikjarata bħala World Heritage Site mill-Unesco. Illum se jkollna xorti li naraw pjazez tant eleganti u Palazzi fuq stil rinaxximentali. Ma jonqosx li jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing. Nirritornaw lura l-hotel. Wara ċena ħarġa mal-leader.

### Ir-Raba Jum
Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn inżuru **Lucca** u **Pisa**. L-ewwel waqfa tagħna tkun **Lucca** belt eleganti u raffinata mmens. Hawn naraw postijiet ta' interess bħal Katidral ta' San Martin u l-Piazza Anfiteatro. Wara nkomplu lejn **Montecarlo** magħruf għall-inbid tajjeb u ż-żejt taż-żebbuġa. Hawn ikollna wine tasting mill-aqwa (mhux inkluż). L-eskursjoni tagħna tkompli lejn il-belt ta' **Pisa**. Nagħmlu dawra mal- leader fejn naraw il-famuż **Torri**, **Piazza dei Miracoli**, il-**Katidral** u l-**Battistero** fil-**Campo Santo**. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija mmorru għal bibita.

### Il-Ħames Jum
Ħarġa ta' ġurnata fejn se nżuru postijiet mill-isbaħ bħal **Santa Margerita Ligure, Portofino u Rapallo** li jinsab mal-kosta ta' Liguria. L-ewwel waqfa tagħna tkun Santa Maria Ligure fejn flimkien nagħmlu dawra maċ- ċentru storiku tal belt. Naraw **il-Bażilika Barokka tas-seklu 17**, kif ukoll il-kastell. Nagħmlu dawra madwar il-promenade imżejna **Al Frescoes, bars u restaurants**. Ikollna ħin liberu għall-personal sightseeing. Naqbdu l-boat (extra) li twassalna



Portofino, wieħed mill-ġojjelli mall-kosta Taljana. Post mill-iżjed eleganti u romantiku li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nagħmlu mixja matul il-port fejn naraw **yachts mill-isbaħ, ħwienet żgħar u tant ħelwin**. Fuq l-għolja naraw **Castello Braun u l-knisja ddedikata lil San Martin**. Ikollna ħin liberu u min irid jista' jitla' fuq l-għolja. X'hemm isbaħ milli tieħu drink u tgawdi l-atmosfera pjaċevoli. Nerġgħu naqbdu l-boat fejn vjaġġ ta' 30 minuta jwassalna **Rapallo** bil-promenade sabiħa tiegħu mimlija siġar tal-palm, mnejn naraw veduti sabiħa tal- bajja madwar bini kkulurit, il-**kastell ta' Rapallo u** jkollna ħin liberu. Wara ċ-ċena mmorru għal drink.

### Is-Sitt Jum
Nistednukom tgawdu magħna l-bliet magħrufa ta' Siena u ta' San Gimignano. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **Siena** magħrufa għal Palio li jsir darbtejn fis-sena. Naraw il-famuż **Katidral**, il-**pjazza Del Campo** u **Palazzo Comunale**. Inkomplu lejn **San Gimignano** post li jsaħħrek bil-kultura u n-natura li joffri. Hawn naraw id-**Duomo**, **Palazzo del Popolo**,u t-**Town Hall.** Ikollna ħin liberu biex inkunu nistgħu nixtru affarijiet tipiċi bħal l-inbid Vernaccia. Nirritornaw Montecatini.

### Is-Seba' Jum
Wara l-breakfast, nitilqgħu bil-kowċ lejn il-belt ta' **Orvieto** fejn flimkien mat- tour leader nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw toroq dojoq tant ħelwin, il-pjazza Prinċipali, Palazzi, Sqaqien mill-aktar pittoreski u l-katidral ta' Orvieto. Ikollna ħin għall-ikel (extra). Inkomplu lejn l-ajruport ta' Fiumicino għall-titjira KM615 li ttir fit-21.00 u naslu lura Malta fil-22.30.



6 t'ijiem

# Krakow - Poland

## Auschwitz, Salt Mines & Tatra Mountains

**Grupp A: 11 – 16 ta' Ġunju**
**Grupp B: 17 – 22 ta' Settembru**

**KATOWICE, KRAKOW. AUSCHWITZ- BIRKENAU, WIELIEZKA SALT MINES, ZAKOPANE, TATRA MOUNTAINS**

### Il-Ħamis
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.00 għat titjira FR4102 għal Poland li ttir fis-06.77 u naslu l-ajruport ta' Katowice fid-09.30. Mal-wasla tagħna transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' **Katowice**, hija belt dinamika fin-nofsinhar tal-Polonja, magħrufa għall- arkitettura moderna u wirt industrijali. Ċentru kulturali vibranti b'mużika, arti u xena teknoloġika li qed jiffjorixxu. Ngawdu s-swieq mimlija ħajja u l-postijiet ta' divertiment.Meta naslu jkollna dawra mal belt bil- gwida tal-lokal biex inżuru l-akta postijiet ta'nteress. Ħin liberu u wara tluq lejn Krakow lejn iċ-ċentru ta' **Krakow** fejn ikollna check in. Wara ħarġa mal leader.

### Il-Ġimgħa
Breakfast u llum ser ikollna dawra sabiħa mal-belt ta' **Krakow** mal-gwida tal-lokal biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali,fost oħrajn l-Old Town, ir- Royal Road, il-Kastell Wawel u l-Kazinierz (Old Jewish Quarter). Is-Sutheannice (clash hall), kif ukoll il-bażilika ta' Santa Maria fejn naraw il-famuż altar ta' Veit Stross.Ħin liberi iżda għal min irid ijsta jingħaqad mat-tour leader għal cruise (optional) fuq ix-**xmara Vistula**.



### Is-Sibt
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane u Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-fruntieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane u nżuru l-Knisja Moderna ddedikata lill-Madonna li hi rigal lill-Papa Gwanni Paolo II. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.

### Il-Ħadd
Wara l-breakfast ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru is-Santwarju tal-Ħniena Divina fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, post ta' devozzjoni kbira, ftit il-barra minn Krakow, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża, dan kien wieħed mill-postijiet favoriti ta' Karol Woytyla. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice,** vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Giovanni Paolo II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. Nirritornaw lejn Krakow

### It-Tnejn
Eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau**, fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau(dħul extra); memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom. Hawn naraw id-death national memorials, ir-railway track u l-fdalijiet ta' mijiet ta' barracks**.** Filgħaxija mmorru għal drink

### It-Tlieta
Breakfast u ħin liberu. Wara tluq lejn il-**Wieliczka Salt Mines**, magħrufa wkoll bħala the underground **Salt Cathedral of Poland** u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ, kapelli żgħar fosthom waħda ddedikata lil Santa Kinga u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO 'First World List of Cultural and Natural'. Wara tluq lej l-ajruport ta'Katowice għat titjira mal FR7115 li ttir fis-18.55 u naslu lura Malta fid-21.35



**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €880 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €890 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1065 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €800 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira ma' Ryanair għal Katowice
- 20 Kg Checked In Luggage
- 5 t'iljieli – A* Hotel Logos 3 Star+ fiċ-ċentru
  B* Hotel BW Old Town 3 Star+ fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast Kontinentali
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Entrance Package
(Pope Museum + Auschwitz + Salt Mines) €96
Dawn irridu jigu bbukjati mal-booking
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom



5 t'ijiem

## Highlights of Hungary
# Budapest

**Grupp A: 21 - 25 ta' Marzu**
**Grupp B: 17 - 21 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 13 - 17 ta' Settembru**
**Grupp D: 11 - 15 ta'Ottubru**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €765 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €765 |
| Kamra ta' persuna waħda | €915 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €620 |
| Suppliment Grupp B: | €110 |
| Suppliment Grupp Ċ/D: | €145 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mar Ryanair Malta għal Budapest
- 20 Kgs Checked In Luggage
- 4 Iljieli - NH Hotel Budapest City 4*
- Buffet Breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

**BUDAPEST, DANUBE BEND, SZETENDRE, PUZSTA, LAG BALATON U GODOLLO**

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-06.00. sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR2203 li titlaq fit-08:35 u twassalna **Budapest** fil-14.50. Wara nkomplu lejn NH Hotel Budapest City 4* li qed eżatt fiċ-ċentru. Filgħaxija jkollkom l-opportunita li tieħdu cruise fuq ix-xmara Danube (extra)

### It-Tieni Jum
Breakfast u llum ġurnata fil-pajsaġġi sbieħ tal-akbar lag tal-ilma ħelu tal-Ewropa Ċentrali **'Lag Balaton'** . L-ewwel nerħula lejn il-belt sabiħa ta 'Balatonfüred li jinsab fuq il-kosta tat-tramuntana tal-Lag, il-belt hija magħrufa bħala l-belt kapitali tal-lag. Wara, jkollna ħin liberu biex tagħmel passiġġata tul il-promenade pittoreska u tgawdi xi ikla tajba (mhux inkluża).Wara nkomplu lejn il- "Peniżola Tihany" biex tara għaliex ġiet magħżula bħala Sit ta 'Wirt Dinji tal-UNESCO. Iż-żona hija rikka b'arkitettura u vinji li jipproduċu nbid ta 'kwalità eċċellenti. Naraw ukoll veduta unika tal-Lag Balaton mill-quċċata tal-għoljiet qabel ma mmorru lejn il- monastery 'Tihany'

### It-Tielet Jum
Breakfast u **city tour** bil-kowċ u gwida tal-lokal. Naraw il-bini tal-Parlament , il-pjazza ta' l-Eroj,



l-Opera House, il-Palazz Irjali, iċ-Citadella u l-Fisherman's Bastions minn fejn naraw veduta spettakolari. Wara nofs inhar Ħin liberu biex tistgħu tmorru **Széchenyi Thermal Bath**, l-akbar f'Budapest u madwar l-Ewropa, hawn insibu 3 pixxina ta' barra u 15-il pixxina ta' ġewwa jew ukoll il-'**West End Shopping Centre** fejn hawn issibu madwar 400 ħanut, bars u restaurants. Għal min irid filgħaxija norganizzaw Folklore Show.

### Ir-Raba' Jum
Illum ħarġa ta' ġurnata li teħodna fin-naħa tal-punent tal-Ungerija f'**Puszta**, Hawn naraw il-kapaċita' kbira li juru r-rikkieba meta naraw wirja spettakulari taż-żwiemel. Spettaklu li



ma jintesa' qatt! Nagħmlu rikba fuq karozzin tipiku u wara nieklu ikla tajba bl-inbid (Mħallsa) f'ristorant tipiku. Ikollna l-opportunita li nisimgħu l-mużika taż-żingari

### Il-Ħames Jum
Breakfast u eskursjoni għall-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danube. Din l-eskursjoni magħrufa bħala **Danube Bend**. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'Szentendre, villaġġ splendidu mibni fuq stil barokk li jinsab 20km 'l bogħod minn Budapest. Inkomplu lejn Visegrad, fortizza li minnha tara veduta mill-isbaħ. wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Budapest għat-titjira FR2204 li ttir fis-21.15 u naslu lura Malta fit-23.35

### Nota għall Gruppi B,Ċ & D
Niltaqgħu l-ajruport fis-10.35 għall-flight FR2203 li ttir fit-12.35 u ritorn mal-FR2278 li jitlaq 21.15 u twassalna lura Malta fil-23.35.





10 t'ijiem

# Treasures of Egypt
# Cairo & 4 Night Nile Cruise

**Grupp A: 31 ta' Marzu – 09 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 09 – 18 ta' Ġunju**
**Grupp Ċ: 08 – 17 ta' Settembru**

**CAIRO, GIZA PYRAMIDS, SPHINX, MEMPHIS, SAKKARA, DAHSHOUR, CITADEL, ALABASTER MOSQUE, KARNAK, LUXOR TEMPLE, VALLEY OF THE KINGS, EDFU, KOM OMBO U ASWAN**

### It-Tlieta
### Malta - Cairo
Niltaqgħu l'ajruport sabiex issir ċ-check in għall-flight TK1370 lejn il-Kajr via Istanbul. Naslu għall-ħabta ta' 19:45 (ħin lokali). Transfer lejn l-Hotel **Ramses Hilton** 5star, sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu.

### L-Erbgħa
### Giza Pyramids & The Sphinx
Breakfast u nibdew billi nżuru l-Piramidi magħrufa mad-dinja kollha dawk ta' Giza u Sphinx, li huma simboli ikoniċi tal-Eġittu tal-qedem, li jinsabu fil-Pjanura ta' Giza. Ikollna Lunch (inkluz) f'restorant lokali. Wara nkomplu lejn **Grand Egyptian Museum (GEM)**, li huwa wieħed mill-ikbar u l-aktar mużewijiet importanti fid-dinja ddedikati għaċ-ċiviltà Eġizzjana antika. Nirritornaw lura l-Hotel

### Il-Ħamis
### Memphis, Sakkara & Dahshour
Breakfast u wara nibdew il-vjaġġ tagħna biex niskopru l-misteri tal-passat, nibdew il-vjaġġ lejn **Memphis, Sakkara u l-Piramidi ta' Dahshur**. Nzuru tliet siti arkeoloġiċi magħrufa ta' **Memphis**, il-**Piramida tal-Passi ta' Sakkara**, u l-**Piramidi maestużi ta' Dahshur**. Hawn nidħlu f'dinja ta' ħrejjef u l-leġġendi tal-Eġittu tal-qedem hekk kif nimxu fuq il-passi tal-fargħuni u niskopru s-sigrieti ta' dawn il-postijiet straordinarji. Lunch f'restorant lokali (nkluz). Nirritornaw lura l-Hotel

### Il-Ġimgħa
### Citadel & Alabaster Mosque
Wara l-breakfast inkomplu nesploraw il-belt billi nżuru **s-Swar (Citadel) ta' Saladin** u l-**Moskea tal-Alabastru ta' Mohamed Ali**. Iklollna Lunch f'restorant lokali (nkluz). Nkomplu bi żjara lejn il-**Bazar ta' Khan El Khalili**, fejn ikollna **ħin liberu għax-xiri.**

### Is-Sibt
### Nile Cruise - Karnak, Luxor Temple (Luxor)
Transfer lejn l-ajruport tal-Kajr biex intiru lejn **Luxor**. Wara l-wasla tagħna, inżuru **x-Xatt tal-Lvant**, li jinkludi t-tempji ta' **Karnak** u **Luxor**. Nkomplu lejn il-port biex naqbdu l-vapur tar-**Royal Cruise 5star** għal vjaġġ ta' **erba' iljieli** tul ix-xmara **Nil**. Lunch u Dinner abbord.

### Il-Ħadd
### Nile Cruise - Valley of the Kings (Esna)
Filgħodu kmieni jkollok l-opportunità li tieħu sehem f'esperjenza unika dik tal- **Hot Air Balloon (extra). Wara l'breakfast** nzuru **x-Xatt tal-Punent tan-Nil**, inkluż **il-Wied tar-Rejiet**, it-**Tempju tar-Reġina Hatshepsut** f'**El-Deir El-Bahari**, u l-**Kolossi ta' Memnon**. **Lunch & Dinner onboard.**

### It-Tnejn
### Nile Cruise - Edfu / Kom-Ombo / Aswan
Waqt li nieħdu l'breakfast inbaħħru lejn **Edfu** . Mal-wasla tagħna nżuru t-**Tempju ta' Edfu**. Nkomplu nbaħħru lejn **Kom-Ombo**. Lunch u Afternoon Tea onboard. Mal-wasla tagħna f'**Kom-Ombo** inżuru t-**tempju** u l-**Mużew tal-Kukkudrilli**. Llejla jkollna Dinner u Festa Eġizzjana.



**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half/ Full Board, Entraturi u Taxxi nkluzi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €2450 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €2465 |
| Kamra ta' persuna waħda | €3240 |
| Suppliement Grupp A: | €60 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mat-Turkish Airline għal Kajr via Istanbul
- Titjira Kajr – Luxor – Kajr
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- 5 iljieli - Hotel Ramses Hilton 5star jew simili
- 4 iljieli abbord M/S Royal Cruise 5 star jew simili
- Buffet Breakfast
- Half Board f'Kajr
- Full Board abbord M/S Royal Cruise
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi Imħallsa (ikun hemm ħlas extra għal ċertu attivitajiet bhal Hot Air Balloon)
- Taxxi ta' l-ajruport
- Tour-leader
- Gwida Lokali (English Speaking) waqt l-eskursjonijiet
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*€60 Tipping (Mandatory) per perosn for the cruise, gwidi u drivers
*Visa ta' l-Eġittu
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

### It-Tlieta
### Nile Cruise - Abu Simbel & Nile by Felucca
Wara l-breakfast ikollna l-opportunità li nżuru t-**Tempju l-Kbir ta' Abu Simbel**, wieħed mill-aktar monumenti spettakolari fl-Eġittu. **Lunch abbord**, imbagħad inbaħħru fuq ix-xmara **Nil b'felucca li hija dgħajsa tradizzjonali tal-injam** . **Pranzu abbord** u wara jkollna wirja Nubjana fejn ikollna presentazzjoni kulturali li turi l-muzika, zfin u tradizzjonijiet tan-nies Nubjani.

### L-Erbgħa
### Philae Temple, Unfinished Obelisk & the High Dam
Breakfast abbord u nħallu l-vapur b'memorji indimentikabli. Nzuru t-**Tempju ta' Philae**, **Unfinished Obelisk u l-High Dam**. Lunch f'restorant lokali (nkluz) u nkmplu lejn l-ajruport ta'**Aswan** għal titjira lejn il'**Kajr**. Sistemmazjoni tal-kmamar

### Il-Ħamis
Transfer lejn l-ajruport ta' Kajr sabiex issir check in għall-flight TK691/1371 li ttir fl'10.10 għal Malta via Istanbul u naslu lura għas-18.35.



## City Break
# Madrid

**4 t'ijiem**

**Grupp A: 22 – 25 ta' Mejju**
**Grupp B: 11 – 14 ta' Settembru**
**Grupp Ċ: 23 – 26 t'Ottubru**

**MADRID, TOLEDO, ARANJUEZ, AVILA U SEGOVIA**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €865 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €880 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1120 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |
| Suppliment Grupp C | €25 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Madrid
- 20 Kg Check in Luggage + Hand Luggage
- 4 Iljieli fil- Inhala Hotel Garden (ħdejn l-Gran Via) 4*star
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa
- (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi tal-ajruport
- Insolvency Protection
- Tour Leader

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu mat-tour leader fl-04.15 fl-ajruport għat-titjira KM856 għal **Madrid** li titlaq fis-07.00 u naslu fl'10.00. Mal-wasla tagħna mmorru lejn il-belt ta' **Aranjuez** li tinsab fuq ix-xmara Tajo ġiet iddisinjata u żviluppata fis-seklu sittax mir-Re Philip II li kien hu li tagħha dehra tal-llum. L-importanza ta' din il-belt sabiħa mimlija ġonna, kanali u palazzi kibret mhux bi ftit fis-seklu tmintax taħt il-monarkija tal-familja Bourbon. Din ukoll kienet residenza uffiċjali tar-renjanti fis-Sajf. Naraw ir-Royal Palace u l-ġmiel ta' Aranjuez Gardens. Inżuru wkoll iċ-ċentru storiku fejn naraw il-knejjes Sant Antonio kif ukoll il-kwartier Pavia. Nkomplu lejn **Inhala Hotel Garden 4star ġo Madrid**. Sistemazzjoni tal-kmamar.

### It-Tieni Jum
Breakfast u wara jkollna 'Panoramic & Walking' city tour madwar Madrid, fost l-oħrajn naraw 'The Royal Palace' li huwa wieħed mill-isbaħ fl-Ewropa, Plaza Mayor, il-funtana La Cibeles u Neptuno, Plaza de Colon, Puerta Del Sol, Estadio Santiago, Bernabeu, Europa Towers, Azcai, Plaza De Oriente, Gran Via u l-katidral mibni fuq stil Gotiku La Almudena. Ħin liberu u





### It-Tielet Jum
Buffet Breakfast u eskursjoni mill-isbaħ lejn iż-żona tant sabiħa u muntanjuża ta' Sierra De Guadarrama u l-ewwel waqfa tagħna tkun fil-belt ta' **Segovia.** Din il-belt kienet importanti ħafna fi żmien ir-Rumani u fiha kienu jgħixu r-renjanti.Naraw l-akwadott mibni mir-Rumani fl-ewwel seklu u li huwa twil 800metru b'għoli ta' 30metru. Naraw ukoll il-katidral li jinsab fi Plaza Mayor u l-kastell medjevali u famuż Alcazar (entratura mhux inkluża) li oriġinarjament kien inbena bħala fortizza. Minn hawn, inkomplu lejn il-belt t' **Avila** li hi l-belt kapitali tar-reġjun bl-istess isem u hija mdawra bi swar u ffortifikata bi 88 torri. Fost oħrajn, hawn naraw il-katidral li nbena fis-seklu tnax u l-Bażilika San Vincente u il konvent relatat ma Santa Tereża. Nirritornaw lura Madrid. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast u ħin liberu għall-aħħar shopping. Wara ngħabbu l'bagalji u nibdew l-vjaġġ tagħna lejn il- belt ta' **Toledo** li tinsab fuq għolja fil-parti ċentrali ta' Spanja u li hija kkunsidrata bħala belt ġojjell tal-pajjiż u magħrufa bħala ta' tlett kulturi minħabba l-fatt li għal mijiet ta' snin, Kristjani, Lhud u Għarab għexu flimkien. Dawn ħallew wirt kulturali bħal knejjes, sinagogi, palazzi, moskej u fortizzi. Flimkien mat-tour leader inżuru ċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq imserrpin mimlijin bini bi stil t'arkittetura diversa li jagħtu karattru uniku lill-belt. Naraw ukoll il-katidral El Greco (entratura mhux inkluża). Opportunita' li nagħmlu vjaġġ bit-Toledo Train Vision (extra) li jdum madwar 45minuta. Ħin liberu għal personal sightseeing. Transfer lejn l-ajruport ta' Madrid għat-titjira mal-KM587 titlaq fid-21.30 u naslu lura Malta fil-00.15.





7 t'ijiem

## The Romantic City of
# Vienna
## with a Touch Of Slovakia

**Grupp A: 04 – 10 ta' Mejju**
**Grupp B: 17 - 23 t'Awwissu**

**VIENNA, PRATER, MELK, KREMS, DÜRNSTEIN, HEILIGENKREUZ, MAYERLING, VIENNA WOODS, BRATISLAVA**

### It-Tnejn
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-07.00 għat-titjira KM514 li titlaq fid-09.15 u tasal **Vienna** fil-11.30 Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' din il-belt tal-Valtzi, fejn ser Wara transfer u akkomodazzjoni ġewwa Hotel Ananas 4 star. Għal dawk li ħallsu l-Half Board, l-ikla tkun dejjem filgħaxija. Wara ħarġa mal-leader.

### It-Tlieta
Wara li nieħdu buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed impressjonanti madwar **Vienna Woods**. Nitilqu bil-kowċ lejn il-wied ta' **Helental** u mmorru **Mayerling** fejn naraw il-hunting lodge, illum kappella, tal-Prinċep Rudolph, l-uniku tifel tal-Imperatur Franz Joseph. Jingħad li hawnhekk il-prinċep u l-Barunessa Vetsera għamlu suwiċidju fl-1889. Imbagħad immorru **Heiligenkreuz** fejn naraw monasteru Ċisterjan tat-tnax-il seklu. Wara ngħaddu minn ħdejn Höldrichsmühle u naslu s-**Seegrotte** (dħul extra). Fis-Seegrotte, li xi darba kienet minjiera tal-gypsum, tistgħu tagħmlu boat trip fuq l-akbar lag taħt l-art fl-Ewropa. Mhux ta' min jitlifha ! Filgħaxija mmorru għal drink.

### L-Erbgħa
Breakfast u s- **city tour** ma' gwida tal-lokal biex niskopru l-ġmiel ta' ħafna postijiet storiċi bħal Belvedere Palace, Rathaus, il-Parlament, il-bini maestuż tar-Ringstraße, Hofburg Palace u St. Stephen's Cathedral. Wara nofsinhar ikollna ħin liberu biex tkunu tistgħu tkomplu tgawdu din il-belt sabiħa. Min irid jista' jżur **Hofburg Palace** - palazz imperjali fiċ-ċentru tal-belt jew jagħmel xi ftit shopping mit-toroq sbieħ ta' Mariahilfer Straße u Kärntner Straße. Filgħaxija mmorru l-famuż **Prater** (transport extra) – fejn tistgħu titilgħu l-Giant Ferris Wheel (ħlas extra) biex tgawdu l-veduta ta' din il-belt mixgħula

### Il-Ħamis
Buffet breakfast u wara eskursjoni mill-iżjed interessanti ta' ġurnata għal **Wachau Valley** fejn se naraw għadd ta' villaġġi żgħar storiċi u tradizzjonali. Mhux hekk biss. Naraw ukoll kastelli u xenarji fantastiċi ta' muntanji żgħar u x-xmara Danube. Inżuru **Krems** li għandu storja ta' iżjed minn 1000 sena, **Dürnstein** bid-djar u t-toroq antiki tiegħu u **Melk** bil-famuż monasteru **Benedittin** mibni fuq stil Barokk (Ent.extra).

### Il-Ġimgħa
Illum se mmorru ġol-belt kapitali ta' **Slovakia - Bratislava**. Flimkien niskopru din il-belt fuq ix-**xmara Danube.** Nibdew billi nżuru l-kastell li jiddomina lill-belt u ngawdu minn panorama spettakolari. Wara mmorru fiċ-ċentru storiku





mimli bini maestuż bħal Main Square, Michael's Gate, St. Martin's Cathedral u Primate's Palace. Ħin liberu għax-xiri jew sightseeing. Wara nżuru ċ-ċentru kummerċjali ġewwa Bratislava. Qabel ma nirritornaw lura l-lukanda nżuru l- Vienna Shopping City Sud li huwa wieħed mill- akbar ċentri kummerċjali fl-Ewropa.

### Is-Sibt
Wara l-breakfast flimkien mat-tour leader nżuru l-palazz maestuż ta' '**Schönbrunn'** u l-ġonna tiegħu (dħul extra). Din kienet ir-residenza tas-sajf tal-familja rjali **Habsburg**. Min irid jista' jżur il-ġonna tal-palazz u jgawdi x-xenarju spettakolari li joffru.

### Il-Ħadd
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Vienna għat-titjira KM515 li titlaq fin-12.25 u tasal lura Malta fit-14.45.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1050 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1050 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1300 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €770 |
| Suppliment Grupp A | €50 |
| Suppliment Half Board (5ikliet) | €150 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Airlines għal Vjenna
- 20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli - Hotel Ananas Vienna 4 star fiċ-ċentru
- Kmamar bl-arja kkundizzjonata
- Breakfast Buffet kontinentali
- Taxxi tal ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom



8 t'ijiem

# Krakow, Zakopane
## & The Tatra Mountains

**Grupp A: 01 - 08 t'April (Easter Holidays)**
**Grupp B: 22 – 29 ta' Lulju**
**Grupp Ċ: 05 – 12 t'Awwissu**
**Grupp D: 12 – 19 t'Awwissu**
**Grupp E: 09 – 16 ta' Settembru**

**KALVARIA ZEBRYDOWSKA, WADOWICE, AUSCHWITZ-BIRKENAU, ZAKOPANE, DUNAJEC, NIEDZICA CASTLE, SZCAWNICA, POPROD, SPISKA, MUNTANJA LOMNICKY, WIELICZKA SALT MINES**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1020 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1010 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1280 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €920 |
| Suppliment Grupp B,Ċ, D & E | €25 |

**Prezz għal kull persuna jinkludi:**
- Titjira ma' Ryanair għal Krakow
- 20 Kg Checked In Luggage
- 4 t'iljieli – Hotel BW Old Town 3 Stars
- 3 t'iljieli – Hotel Logos 3 Stars
- Kmamar b'faċilitajiet privati
- Continental Buffet Breakfast
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Entrance Package (Pope Museum + Auschwitz + Salt Mines + Rafting) €136
Dawn irridu jigu bbukjati mal-booking
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta f' 12.00 għat titjira FR7114 għal **Krakow** li ttir fis-14.00 u naslu Krakow fl'16.35 Transfer bil-kowċ lejn il-hotel BW Old Town 3 Star+ li qeda fiċ-ċentru, sistemazzjoni tal-kmamar.

### It-Tieni Jum
Breakfast u s-City Tour fejn induru l-belt ta' **Krakow** biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali,fost oħrajn l-Old Town, ir- Royal Road, il-Kastell Wawel u l-Kazinierz (Old Jewish Quarter). Is-Sutheannice (clash hall), kif ukoll il-bażilika ta' Santa Maria fejn naraw il-famuż altar ta' Veit Stross. Ħin liberu għax-shopping. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### It-Tielet Jum
Wara l-breakfast ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru is-Santwarju tal-Ħniena Divina fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, post ta' devozzjoni kbira, ftit il-barra minn Krakow, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża, dan kien wieħed mill-postijiet favoriti ta' Karol Woytyla. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice,** vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġiovanni Paolo II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. Nirritornaw lejn Krakow

### Ir-Raba' Jum
Eskurssjoni mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau**, fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau(dħul extra); memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom. Hawn naraw id-death national memorials, ir-railway track u l-fdalijiet ta' mijiet ta' barracks**.** Filgħaxija mmorru għal drink

### Il-Ħames Jum
Wara l-breakfast tluq lejn **Zakopane** biex ingawdu l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru wkoll Tatra Mountains. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane u nżuru l-Knisja Moderna ddedikata lill-Madonna li hi rigal lill-Papa Gwanni Paolo II. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post,. Check in fi- Hotel Logos 3* li qed fiċ-ċentru. Wara nitilgħu fuq **Mt. Gubalowka bil-Funivia** (ħlas extra) biex naraw veduta sabiħa tal-belt.

### It-Tnejn 06 t'April
Breakfast u llum ġurnata mill isbaħ fin-natura, fejn ser immorru **Dunajec** għal avventura 'Slow Rafting! Din hija l-akbar attrazzjoni tar-reġjun, li żgur ma tistax titlifha! Il-gorge Dunajec huwma pajsaġġi sbieħ, mimli fawna rikka u l' ħoss rilassanti tax-xmara ... Nżuru wkoll **Niedzica Castle,** u resort sabiħ ta' **Szcawnica**

### It-Tlieta 07 t'April
Zakopane huwa punt tat-tluq perfett għal vjaġġ ta' ġurnata lejn is-Slovakkja. Illum ser ingawdu veduti meraviljużi tal-muntanji u ta' rħula żgħar mill-isbaħ. L-ewwel waqfa tagħna tkun il-**muntanja Lomnický štít** waħda mill-ogħla quċċati tal-Muntanji Tatra. B'żewġ cable cars (extra) nitilgħu il fuq u ngawdu veduti panoramiċi impressjonanti . Wara, inkomplu l-ġurnata tagħna b'żjara **f'Spiska Sobota**, raħal storiku b'karattru medjevali. Il-pjazza prinċipali, imdawra b'djar antiki u b'arkitettura rinaxximentali u gotika, toffri atmosfera ta' kwiet u serħan. Minn hemm, immoru **Kežmarok**, belt żgħira iżda mimlija storja u kultura. Naraw (min barra) il-Kastell ta' Kežmarok, wieħed mill-ftit kastelli Slovakki fi stil Rinaxximentali li għadu ppreservat tajjeb. Wara niritornaw Zakopane

### L-Erbgħa 08 t'April
Breakfast u wara nżuru '**Wieliczka Salt Mines'**, magħrufa wkoll bħala the underground Salt Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ, kapelli żgħar fosthom waħda ddedikata lil Santa Kinga u kururi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Wara transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7141 li ttir fid-21.50 u naslu lura Malta fin-00.25






**PALMA, PLAYA DE PALMA, SERRA DE TRAMUNTANA, 1912 SÓLLER TRAIN, DRACH CAVES, DEIÀ, VALLDEMOSSA U MAJORICA PEARL FACTORY**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | €1050 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1650 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mar-Ryanair għal Palma
- 20 Kg Check in Luggage
- 4 Iljieli THB 4 star ġo Palya De Palma
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet bil-gwidi lokali kollha mħallsa
- (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi tal-ajruport
- Insolvency Protection
- Tour Leader

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom

## L-Erbgħa 01 t'April
Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta f'12:00 għaċ-check-in għat-titjira Ryanair FR8888, li titlaq fis-14.10 u tasal **Palma de Mallorca** fl' 16.15. Mal-wasla, issir it-trasferiment lejn il-lukanda tagħna ta' 4 stilel THB f'Playa de Palma, li tinsab f'post ideali ftit passi 'l bogħod mill-bajja, kafetteriji, ristoranti u ħwienet. Check-in fil-lukanda, u wara nagħmlu mixja ta' familjarizzazzjoni.

## Ħamis 02 t'April
Buffet Breakfast u llum jkollna City Tour mal-belt sabiħa ta' **Palma**. Nibdew b'żjara fil-Katidral maestuż ta' Palma, kapolavur Gotiku ikoniku magħruf għall-arkitettura impressjonanti. Nimxu lejn l-**Old Town**, fost pjazez pittoreski bħall-**Plaza Mayor** u l-**Plaza de Cort**, fejn jinsab il-Municipju. Wara nofsinhar ħin liberu.

## Ġimgħa 03 t'April
Breakfast u eskursjoni għal **Serra de Tramuntana**, Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO. Naqbdu l'ferrovija storika ta' Sóller tal-1912, li titlaq minn Palma. Dan il-vjaġġ ta' siegħa tgħaddi minn għelieqi taż-żebbuġ, lewż u larinġ, jaqsam pontijiet u akwadotti mpressjonanti u tgħaddi minn 13-il mina fost xenarju spettakolari tal-muntanji. Inżuru l-belt pittoreska ta' Sóller, nzuru l'Port de Sóller, fejn tista' timxi tul il-promenade u tgawdi l-bajja sabiħa. Nirritornaw lura l-hotel, filgħaxija (extra) coastline boat ride.

## Is-Sibt 04 t'April
Llum inżuru żewġ monumenti emblematiċi ta' Mallorca. Nibdew mill-**Għerien spettakolari tad-Drach**, fejn nesploraw galleriji taħt l-art straordinarji mimlijin stalattiti u stalagmiti. Iż-żjara tinkludi kunċert qasir ta' mużika klassika fuq il-**Lag Martel**, wieħed mill-akbar lagi taħt l-art fid-dinja. Imbagħad inkompli lejn il-**Fabbrika tal-Perli Majorica**, fejn nitgħallmu dwar l-artiġjanat dwar il-perli famużi Majorica, magħrufa internazzjonalment għall-kwalità u s-sbuħija tagħhom. Lura l-hotel u ħin liberu biex tkompli tesplora **Playa de Palma**.

## Il-Ħadd 05 t'April
Wara l-breakfast, eskursjoni ta' ġurnata biex inżuru l'irħula pittoreski b'gwida lokali. L-ewwel waqfa tagħna hija **Deià**, raħal pittoresk fuq għolja li joffri veduti mill-isbaħ tal-muntanji u l-baħar. Inkomplu lejn **Valldemossa**, fejn nimxu fit-toroq affaxxinanti tagħha, napprezzaw punti panoramiċi u nduqu l-famuża **Coca de Patata**. Inżuru wkoll iċ-Charterhouse ta' Valldemossa, li darba kienet id-dar ta' Frédéric Chopin. Matul ir-rotta nieqfu fil-punt panoramiku drammatiku ta' **Sa Foradada**, formazzjoni tal-blat impressjonanti b'toqba naturali fil-baħar. Wara transfer lejn l-ajruport għat-titjira tagħna Ryanair FR8889, li titlaq fid-20.45 u tasal Malta fil-22.50.



